# REGOLAMENT (UE) 2017/1131 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Ġunju 2017

## dwar il-fondi tas-suq monetarju

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-fondi tas-suq monetarju (MMFs, money market funds) jipprovdu finanzi għal terminu qasir ta' żmien lill-istituzzjonijiet finanzjarji, lill-korporazzjonijiet u lill-gvernijiet. Billi jipprovdu finanzi lil dawk l-entitajiet, l-MMFs jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ekonomija tal-Unjoni. Dawk l-entitajiet jużaw l-investimenti tagħhom f'MMFs bħala mod effiċjenti sabiex jifirxu r-riskju u l-iskopertura tal-kreditu tagħhom, iktar milli jiddependu biss fuq depożiti bankarji.

(2) Mil-lat tad-domanda, l-MMFs huma għodda ta' mmaniġġar tal-flus għal terminu qasir ta' żmien li jipprovdu livell għoli ta' likwidità, diversifikazzjoni u stabbiltà tal-valur tal-kapital investit, flimkien ma' rendiment bbażat fuq is-suq. L-MMFs jintużaw prinċipalment minn korporazzjonijiet li jkunu qegħdin ifittxu li jinvestu l-flus żejda tagħhom għal żmien qasir. L-MMFs għalhekk jirrappreżentaw rabta kruċjali li tgħaqqad flimkien id-domandi u l-offerti ta' flus kontanti għal terminu qasir ta' żmien.

(3) L-avvenimenti li seħħew matul il-kriżi finanzjarja xeħtu dawl fuq diversi aspetti tal-MMFs li jagħmluhom vulnerabbli meta jkun hemm diffikultajiet fis-swieq finanzjarji u f'dak il-każ l-MMFs jistgħu jxerrdu jew jamplifikaw ir-riskji fis-sistema finanzjarja. Meta l-prezzijiet tal-assi li fihom MMF ikun investa jibdew jonqsu, speċjalment waqt sitwazzjonijiet ta' suq taħt stress, l-MMF mhux dejjem jista' jżomm il-wegħda tiegħu ta' tifdija immedjata u li jippreserva l-valur prinċipali ta' unità jew sehem maħruġ mill-MMF lill-investituri. Dik is-sitwazzjoni, li skont il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB, Financial Stability Board) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO, International Organization of Securities Commissions) tista' tkun partikolarment serja għal valur nett tal-assi stabbli jew kostanti tal-MMFs, tista' twassal għal talbiet f'daqqa u sostanzjali ta' tifdija, li potenzjalment jikkawżaw konsegwenzi makroekonomiċi aktar wiesgħa.

(4) It-talbiet kbar ta' tifdija jistgħu jġiegħlu lill-MMFs ibigħu xi wħud mill-assi ta' investiment tagħhom f'suq li jkun sejjer għan-niżla, li potenzjalment iwassal għal kriżi ta' likwidità. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-emittenti tas-suq monetarju jistgħu jiffaċċaw diffikultajiet ta' finanzjament jekk jinxfu s-swieq tal-karti kummerċjali u ta' strumenti oħra tas-suq monetarju. Dan jista' jwassal għal kontaġju fi ħdan is-suq tal-finanzjament għal terminu qasir ta' żmien u jirriżulta f'diffikultajiet diretti u kbar fil-finanzjament ta' istituzzjonijiet finanzjarji, korporattivi u gvernijiet u għalhekk l-ekonomija.

(5) Il-maniġers tal-assi, appoġġati mill-isponsors, jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu appoġġ diskrezzjonarju sabiex iżommu l-likwidità u l-istabbiltà tal-MMFs tagħhom. L-isponsors sikwit huma sfurzati jappoġġaw l-MMFs sponsorjati tagħhom li qed jitilfu l-valur minħabba r-riskju għar-reputazzjoni u l-biża' li l-paniku jista' jinfirex fin-negozji l-oħra tal-isponsors. Skont id-daqs tal-MMF u l-livell tal-pressjoni tat-tifdija, l-appoġġ tal-isponsors jista' jilħaq proporzjonijiet li jaqbżu r-riżervi immedjatament disponibbli tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li MMF ma jirċevix appoġġ estern.

([1]) ĠU C 255, 6.8.2014, p. 3.
([2]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 50.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2017.

(6) Sabiex jiġu ppreservati l-integrità u l-istabbiltà tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli rigward l-operat tal-MMFs, b'mod partikolari dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll tal-MMFs. Dawk ir-regoli huma maħsuba biex jagħmlu l-MMFs aktar reżistenti u jillimitaw il-kanali ta' kontaġju. Huma meħtieġa regoli uniformi madwar l-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-MMFs ikunu jistgħu jonoraw it-talbiet ta' tifdija mill-investituri, speċjalment waqt sitwazzjonijiet ta' suq taħt stress. Regoli uniformi dwar il-portafoll ta' MMF huma meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat li l-MMFs ikunu kapaċi jiffaċċaw talbiet sostanzjali u f'daqqa ta' tifdija minn grupp kbir ta' investituri.

(7) Ir-regoli uniformi dwar l-MMFs huma meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat it-tħaddim mingħajr problemi tas-suq tal-finanzjament għal terminu qasir ta' żmien għall-istituzzjonijiet finanzjarji, l-emittenti korporattivi ta' dejn għal terminu qasir u l-gvernijiet. Huma meħtieġa wkoll sabiex jiżguraw it-trattament indaqs ta' investituri f'MMF u sabiex jiġi evitat li min jifdi tard ikun żvantaġġat jekk it-tifdija tiġi temporanjament sospiża jew jekk MMF jiġi likwidat.

(8) Huwa meħtieġ li jsir provvediment għall-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali relatati mal-MMFs billi jiġu stabbiliti regoli ċari li jimponu obbligi diretti fuq l-MMFs u l-maniġers tal-MMFs madwar l-Unjoni kollha. Tali armonizzazzjoni ssaħħaħ l-istabbiltà tal-MMFs bħala sors ta' finanzjament għal terminu qasir ta' żmien għall-gvernijiet u s-settur korporattiv madwar l-Unjoni. Jiżgura wkoll li l-MMFs jibqgħu għodda kredibbli għall-ħtiġijiet ta' mmaniġġar tal-flus tal-industrija fl-Unjoni.

(9) Il-Linji Gwida dwar definizzjoni komuni tal-fondi tas-suq monetarju Ewropew li kienu adottati mill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli fid-19 ta' Mejju 2010 sabiex joħolqu kundizzjonijiet ekwi minimi għall-MMFs fl-Unjoni, sena wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, kienu applikati biss minn 12-il Stat Membru, li juri l-persistenza ta' regoli nazzjonali diverġenti. L-approċċi nazzjonali differenti ma jindirizzawx il-vulnerabbiltajiet tas-swieq monetarji fl-Unjoni u ma rnexxilhomx inaqqsu r-riskji ta' kontaġju u b'hekk jipperikolaw il-funzjonament u l-istabbiltà tas-suq intern, kif deher matul il-kriżi finanzjarja. Ir-regoli komuni dwar l-MMFs previsti f'dan ir-Regolament għalhekk huma intiżi li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għall-investituri u li jipprevjenu u jimmitigaw kwalunkwe riskju potenzjali ta' kontaġju li jirriżulta minn assalti bankarji possibbli mill-investituri fuq l-MMFs.

(10) Fin-nuqqas ta' regolament li jistabbilixxi regoli dwar l-MMFs, jistgħu jiġu adottati miżuri diverġenti fuq livell nazzjonali. Tali miżuri se jkomplu jikkawżaw distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni b'riżultat tad-differenzi sinifikanti fl-istandards essenzjali tal-protezzjoni tal-investimenti. Ir-rekwiżiti diverġenti dwar il-kompożizzjoni tal-portafolli, l-assi eliġibbli, il-maturità, il-likwidità u d-diversifikazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-kwalità tal-kreditu tal-emittenti u tal-istrumenti tas-suq monetarju jwasslu għal livelli differenti ta' protezzjoni tal-investituri minħabba l-livelli differenti tar-riskju marbuta mal-proposta ta' investiment assoċjat ma' MMF. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi adottat sett uniformi ta' regoli sabiex jiġi evitat il-kontaġju fis-suq ta' fondi għal terminu qasir ta' żmien, għaliex dan ipoġġi f'riskju l-istabbiltà tas-suq finanzjarju tal-Unjoni. Sabiex jitnaqqas ir-riskju sistemiku, l-MMFs b'valur nett kostanti tal-assi (CNAV MMFs, constant net asset value MMFs) jenħtieġ li joperaw biss fl-Unjoni bħala CNAV MMFs ta' dejn pubbliku.

(11) Ir-regoli l-ġodda dwar l-MMFs jibnu fuq id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li tifforma l-qafas ġuridiku li jirregola l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS, undertakings for collective investment in transferable securities) fl-Unjoni, u wkoll fuq id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], li tifforma l-qafas ġuridiku li jirregola l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFs, alternative investment funds) fl-Unjoni.

(12) Fl-Unjoni, l-impriżi ta' investiment kollettiv jistgħu joperaw bħala UCITS, immaniġġati minn kumpaniji maniġerjali tal-UCITS jew kumpaniji ta' investiment UCITS awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE, jew bħala AIFs, immaniġġati minn maniġers tal-fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs, alternative investment fund managers) awtorizzati jew irreġistrati skont id-Direttiva 2011/61/UE. Ir-regoli l-ġodda dwar l-MMFs jibnu fuq il-qafas legali eżistenti stabbilit minn dawk id-Direttivi, inklużi l-atti adottati għall-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk jenħtieġ li japplikaw flimkien ma' dawk id-Direttivi. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-regoli tal-immaniġġar u kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fil-qafas legali eżistenti japplikaw lill-MMFs billi jiġi kkunsidrat jekk

[1] Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

[2] Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

humiex UCITS jew AIFs. Bl-istess mod, jenħtieġ li r-regoli dwar il-provvista transfruntiera ta' servizzi u dwar il-libertà ta' stabbiliment imsemmija fid-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE japplikaw b'mod korrispondenti għall-attivitajiet transfruntiera tal-MMFs. Fl-istess ħin, numru ta' regoli fir-rigward tal-politiki ta' investiment tal-UCITS stabbiliti fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2009/65/KE jenħtieġ li jiġu diżapplikati b'mod espliċitu.

(13) Ir-regoli armonizzati jenħtieġ li japplikaw għall-impriżi ta' investiment kollettiv li l-karatteristiċi tagħhom jikkorrispondu ma' dawk assoċjati ma' MMF. Għall-UCITS u l-AIFs li għandhom l-għan li joffru redditi bi qbil mar-rati tas-suq monetarju, jew li jippreservaw il-valur tal-investiment, u li jfittxu li jiksbu dawk l-objettivi billi jinvestu f'assi għal terminu qasir ta' żmien bħal strumenti tas-suq monetarju jew depożiti, jew jidħlu fi ftehimiet ta' retroriakkwist jew ċerti kuntratti tad-derivattivi bl-uniku għan li jkopru r-riskji inerenti għal investimenti oħra tal-fond, il-konformità mar-regoli l-ġodda dwar l-MMFs jenħtieġ li tkun obbligatorja.

(14) L-ispeċifiċità tal-MMFs tirriżulta mill-kombinazzjoni tal-assi li jinvestu fihom u l-għanijiet li jsegwu. L-għan li joffru redditu skont ir-rati tas-suq monetarju u l-għan li jippreservaw il-valur ta' investiment ma jeskludix wieħed lill-ieħor. MMF jista' jkollu jew wieħed minn dawk l-għanijiet jew iż-żewġ għanijiet flimkien.

(15) L-għan li jiġu offruti redditi skont ir-rati tas-suq monetarju irid jinftiehem f'sens wiesa'. Ir-redditu mistenni ma għandux għalfejn ikun allinjat perfettament mal-EONIA, il-Libor, l-Euribor jew xi rata rilevanti oħra tas-suq monetarju. L-għan li jfittex li tinqabeż ir-rata tas-suq monetarju b'marġini żgħir ma jridx jitqies li joħroġ UCITS jew AIF 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli uniformi l-ġodda previsti f'dan ir-Regolament.

(16) L-għan li jiġi ppreservat il-valur tal-investiment ma jridx jinftiehem bħala garanzija kapitali mwiegħda minn MMF. Dan irid jinftiehem bħala mira li UCITS jew AIF ifittxu li jsegwu. Tnaqqis fil-valur tal-investimenti ma jimplikax li l-impriża ta' investiment kollettiv tkun biddlet l-għan tagħha li tippreserva l-valur ta' investiment.

(17) Huwa importanti li l-UCITS u l-AIFs li għandhom il-karatteristiċi ta' MMFs jiġu identifikati bħala MMFs u li l-kapaċità tagħhom li jikkonformaw fuq bażi kontinwa mar-regoli uniformi l-ġodda dwar l-MMFs tiġi verifikata b'mod espliċitu. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jawtorizzaw lill-MMFs. Għall-UCITS, l-awtorizzazzjoni tagħhom bħala MMFs jenħtieġ tkun parti mill-awtorizzazzjoni bħala UCITS f'konformità mal-proċeduri armonizzati taħt id-Direttiva 2009/65/KE. Għall-AIFs, billi dawn mhumiex soġġetti għal proċeduri armonizzati ta' awtorizzazzjoni u sorveljanza skont id-Direttiva 2011/61/UE, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti regoli bażiċi komuni dwar l-awtorizzazzjoni li jirriflettu r-regoli armonizzati eżistenti għall-UCITS. Tali proċeduri jenħtieġ li jassiguraw li l-maniġer ta' AIF awtorizzat bħala MMF ikun AIFM awtorizzat f'konformità mad-Direttiva 2011/61/UE.

(18) Sabiex ikun assigurat li l-impriżi kollha ta' investiment kollettiv li juru l-karatteristiċi ta' MMFs ikunu soġġetti għar-regoli komuni l-ġodda dwar l-MMFs, l-użu tal-isem "MMF", jew kwalunkwe terminu ieħor li jissuġġerixxi li impriża ta' investiment kollettiv għandha l-istess karatteristiċi tal-MMFs, jenħtieġ li tkun projbita għajr f'każ li l-impriża hi awtorizzata bħala MMF skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat it-tidwir mar-regoli f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jimmonitorjaw il-prattiki tas-suq tal-impriżi ta' investiment kollettiv stabbiliti jew kummerċjalizzati fil-ġuriżdizzjoni tagħhom sabiex jivverifikaw li dawn ma jużawx ħażin l-isem ta' MMF jew jissuġġerixxu li huma MMF mingħajr ma jikkonformaw mal-qafas legali l-ġdid.

(19) Ladarba l-UCITS u l-AIFs jista' jkollhom forom legali differenti li mhux bilfors jagħtuhom personalità ġuridika, id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament li jitolbu lill-MMFs jieħdu azzjoni jenħtieġ li jinftiehmu bħala li jirreferu għall-maniġer tal-MMF fil-każijiet fejn l-MMF ikun ikkostitwit bħala UCITS jew bħala AIF li ma jkunx f'pożizzjoni li jaġixxi waħdu minħabba li ma jkollux personalità ġuridika proprja tiegħu.

(20) Ir-regoli dwar il-portafoll tal-MMFs jenħtieġ li jidentifikaw b'mod ċar il-kategoriji ta' assi li huma eliġibbli għal investiment mill-MMFs u tal-kundizzjonijiet li bihom ikunu eliġibbli. Sabiex tkun assigurata l-integrità tal-MMFs huwa mixtieq ukoll li jkun ipprojbit li l-MMFs ikunu involuti f'ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jipperikolaw l-istrateġija u l-għanijiet tal-investiment tagħhom.

(21) L-istrumenti tas-suq monetarju huma strumenti trasferibbli li normalment jiġu nnegozjati fis-suq monetarju, u jinkludu kambjali tat-teżor u tal-awtoritajiet lokali, iċ-ċertifikati ta' depożiti, il-karti kummerċjali, l-aċċettazzjonijiet bankarji u n-noti ta' terminu qasir jew medju ta' żmien. L-istrumenti tas-suq monetarju jenħtieġ li jkunu eliġibbli għal investiment mill-MMFs biss sakemm jikkonformaw mal-limiti tal-maturità u jkunu kkunsidrati minn MMF bħala ta' kwalità ta' kreditu għolja.

(22) Barra mill-każ li fih MMF jinvesti f'depożiti bankarji skont ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu, jenħtieġ li jkun possibli li MMF jitħalla jkollu assi likwidi anċillari, bħalma huma flus kontanti f'kont bankarju li jkun aċċessibbli fi kwalunkwe ħin. Iż-żamma ta' tali assi likwidi anċillari tista' tiġi ġġustifikata, inter alia, sabiex tkopri pagamenti kurrenti jew eċċezzjonali, fil-każ ta' bejgħ, għaż-żmien meħtieġ biex jerġgħu jiġu investi l-assi eliġibbli.

(23) It-titolizzazzjonijiet u l-karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs, asset backed commercial papers) jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli sakemm dawn jirrispettaw ċerti rekwiżiti. Minħabba li matul il-kriżi finanzjarja ċerti titolizzazzjonijiet kienu partikolarment instabbli, jenħtieġ li ċerti kriterji ta' kwalità jiġu imposti fuq titolizzazzjonijiet u ABCPs biex jiġi żgurat li biss dawk it-titolizzazzjonijiet u ABCPs li jrendu tajjeb ikunu eliġibbli. Sa meta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) li qed jiġi propost (ir-Regolament propost dwar it-titolizzazzjonijiet STS) jiġi adottat u jsir applikabbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-MMFs jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvestu f'titolizzazzjonijiet u ABCPs sa limitu ta' 15 % tal-assi tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att delegat biex tiżgura li l-kriterji għall-identifikazzjoni tat-titolizzazzjonijiet STS japplikaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Ladarba dak l-att delegat japplika, l-MMFs jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvestu f'titolizzazzjonijiet u ABCPs sa limitu ta' 20 % tal-assi tagħhom, li minnhom sa 15 % jistgħu jiġu investiti f'titolizzazzjonijiet u ABCPs li ma jkunux STS.

(24) Jenħtieġ li MMF jitħalla jinvesti f'depożiti sa fejn huwa jkun jista' jiġbed il-flus fi kwalunkwe ħin. Il-possibbiltà effettiva ta' ġbid tkun imdgħajfa jekk il-penali assoċjati mal-ġbid kmieni jkunu tant għoljin li jaqbżu l-imgħaxijiet akkumulati qabel il-ġbid. Għal dik ir-raġuni, MMF jenħtieġ li joqgħod attent biex ma jagħmilx depożiti ma' istituzzjoni ta' kreditu li titlob penali ogħla mill-medja jew li jidħol f'depożiti fit-tul wisq fejn dak jirriżulta f'penali għoljin ħafna.

(25) Sabiex jitqiesu d-differenzi fl-istrutturi bankarji fl-Unjoni kollha, partikolarment fi Stati Membri żgħar jew fi Stati Membri fejn hemm settur bankarju ferm ikkonċentrat, u fejn ma jkunx ekonomiku għal MMF li juża s-servizzi ta' istituzzjoni ta' kreditu fi Stat Membru ieħor, bħal fejn dan jesiġi kambju tal-valuta bl-ispejjeż u r-riskji kollha assoċjati, jenħtieġ li jkun hemm ċerta flessibbiltà fid-diversifikazzjoni għal depożiti mal-istess istituzzjoni ta' kreditu.

(26) L-istrumenti finanzjarji derivattivi eliġibbli għal investiment minn MMF jenħtieġ li jaqdu l-iskop biss ta' hedging tar-rata tal-imgħax u r-riskju tal-valuta u jenħtieġ li jkollhom biss bħala strument sottostanti rati tal-imgħax, rati tal-kambju barranin, valuti jew indiċijiet li jirrappreżentaw dawk il-kategoriji. Kwalunkwe użu ta' derivattivi għal skop ieħor jew fuq assi sottostanti oħra jenħtieġ li jkun projbit. Id-derivattivi jenħtieġ li jintużaw biss bħala kompliment għall-istrateġija ta' MMF u mhux bħala l-istrument prinċipali sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-MMF. Fil-każ li MMF jinvesti f'assi mmarkati f'valuta oħra li ma tkunx il-valuta tal-MMF, huwa mistenni li l-maniġer tal-MMF jagħmel hedging fuq l-iskopertura kollha kemm hi għar-riskju tal-valuta, inkluż permezz ta' derivattivi. L-MMFs jenħtieġ li jkunu intitolati jinvestu fi strumenti finanzjarji derivattivi jekk dak l-istrument ikun innegozjat f'suq regolat kif imsemmi fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jew negozjat barra l-borża (OTC, over-the-counter) sakemm ikunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

(27) Il-ftehimiet ta' retroriakkwist jenħtieġ li jkunu jistgħu jintużaw mill-MMFs bħala mezz sabiex jinvestu l-flus żejda fuq bażi ta' terminu qasir ħafna ta' żmien, bil-kundizzjoni li l-pożizzjoni tkun kollateralizzata għal kollox. Sabiex jiġu mħarsa l-investituri, huwa meħtieġ li jiġi assigurat li l-kollateral ipprovdut fil-qafas tal-ftehimiet ta' retroriakkwist ikun ta' kwalità għolja u ma jurix korrelazzjoni għolja mal-prestazzjoni tal-kontroparti, sabiex ikun evitat impatt negattiv f'każ ta' inadempjenza tal-kontroparti. Barra minn hekk, MMF jenħtieġ li jkun jista' jinvesti fi ftehimiet ta' riakkwist sal-limitu ta' 10 % tal-assi tiegħu. Tekniki effiċjenti oħrajn ta' mmaniġġar ta' portafoll, inkluż l-għoti u t-teħid b'self ta' titoli, ma għandhomx jintużaw minn MMF billi dawn probabbli li jaffettwaw il-kisba tal-għanijiet ta' investiment tal-MMF.

(28) Sabiex jiġi limitat it-teħid tar-riskji mill-MMFs, huwa essenzjali li jitnaqqas ir-riskju tal-kontroparti billi l-portafoll tal-MMFs jiġi soġġett għal rekwiżiti ċari ta' diversifikazzjoni. Għal dak l-għan, ftehimiet ta' retroriakkwist jenħtieġ li jkunu kollateralizzati b'mod sħiħ u, sabiex jiġi limitat ir-riskju operattiv, kontroparti waħda ta' ftehim ta' retroriakkwist ma tistax tkun responsabbli għal aktar minn 15 % tal-assi ta' MMF Id-derivattivi OTC kollha jenħtieġ li jkunu suġġetti għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(29) Għal raġunijiet prudenzjali u sabiex jiġi evitat l-eżerċizzju ta' influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar ta' korp emittenti mill-MMF, konċentrazzjoni eċċessiva minn MMF f'investimenti maħruġa mill-istess korp emittenti jenħtieġ li tkun evitata.

(30) MMFs li joperaw biss bħala skemi ta' tfaddil jenħtieġ li jkunu jistgħu jitbiegħdu minn ċerti rekwiżiti applikabbli għall-investimenti f'MMFs oħra sa fejn il-parteċipanti f'tali skemi, li huma persuni fiżiċi, ikunu suġġetti għal kundizzjonijiet ta' tifdija restrittivi li ma jkunux marbuta ma' żviluppi tas-suq imma relatati ma' avvenimenti partikolari u predefiniti tal-ħajja, bħall-irtirar, u ċirkustanzi speċjali oħra, inkluż imma mhux limitat għall-akkwiżizzjoni ta' residenza prinċipali, divorzju, mard jew qgħad. Hu importanti li l-impjegati jitħallew jinvestu f'MMFs, li jkunu meqjusa fost l-investimenti l-aktar sikuri f'terminu qasir ta' żmien. Din id-deroga ma għandhiex tipperikola l-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiżgura l-istabbiltà finanzjarja, minħabba li impjegati li jinvestu f'MMFs permezz tal-iskemi tagħhom ta' tfaddil tal-impjegati ma jkunux jistgħu jifdu l-investiment tagħhom fuq talba tagħhom. It-tifdijiet jistgħu jseħħu biss fil-każ ta' ċerti avvenimenti predefiniti tal-ħajja. Għalhekk, anke f'sitwazzjoni ta' suq taħt stress, l-impjegati ma jkunux jistgħu jifdu l-investiment tagħhom f'MMFs.

(31) L-MMFs jenħtieġ li jkollhom ir-responsabbiltà li jinvestu f'assi eliġibbli ta' kwalità għolja. Għalhekk, MMF jenħtieġ li jkollu proċedura prudenti ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu sabiex jiddetermina l-kwalità tal-kreditu tal-istrumenti tas-suq monetarju, tat-titolizzazzjonijiet u l-ABCPs li fihom ikun beħsiebu jinvesti. F'konformità mad-dritt tal-Unjoni li jillimita s-sovradipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, huwa importanti li l-MMFs jevitaw dipendenza mekkanistika u sovradipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet maħruġa mill-aġenziji tal-kreditu. L-MMFs jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw klassifikazzjonijiet bħala komplement għall-valutazzjoni tagħhom stess tal-kwalità tal-assi eliġibbli. Il-maniġers tal-MMFs jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni ġdida tal-istrumenti tas-suq monetarju, tat-titolizzazzjoni u l-ABCPs kull meta jkun hemm bidla materjali, partikolarment meta maniġer ta' MMF isir jaf li strument tas-suq monetarju, titolizzazzjoni jew ABCP tkun degradata aktar 'l isfel miż-żewġ klassi-fikazzjonijiet tal-kreditu l-aktar għolja provduta minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu regolata u ċertifikata fuq terminu qasir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għal dak l-għan, il-maniġer ta' MMF jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi proċedura interna għall-għażla ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu adatti għall-portafoll ta' investiment speċifiku tal-MMF u biex jiddetermina l-frekwenza li biha l-MMF jenħtieġ li jissorvelja l-klassifikazzjonijiet ta' dawk l-aġenziji. L-għażla tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jenħtieġ li tibqa' konsistenti tul iż-żmien.

(32) Meta jiġi kkunsidrat ix-xogħol li sar mill-korpi internazzjonali, bħall-IOSCO u l-FSB, biex tonqos is-sovradi-pendenza tal-investitur fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, kif ukoll fid-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u d-Direttiva 2013/14/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), mhuwiex xieraq li kwalunkwe prodott, inklużi MFFs, jiġi pprojbit milli jitlob jew jiffinanzja klassifikazzjoni esterna tal-kreditu.

(33) Sabiex jiġi żgurat li l-maniġers tal-MMFs ma jużawx kriterji ta' valutazzjoni differenti biex jevalwaw il-kwalità ta' kreditu ta' strument tas-suq monetarju, titolizzazzjoni jew ABCP u b'hekk jattribwixxu karatteristiċi ta' riskju differenti lill-istess strument, huwa essenzjali li l-maniġers tal-MMFs jibbażaw fuq l-istess kriterji. Għal dak l-għan, il-kriterji minimi għall-valutazzjoni ta' strument tas-suq monetarju, titolizzazzjoni u ABCP jenħtieġ li jiġu armonizzati. Eżempji tal-kriterji interni ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu huma l-miżuri kwantitattivi dwar l-emittent tal-istrument, bħall-proporzjonijiet finanzjarji, id-dinamiċi tal-karta bilanċjali u l-linji gwida dwar il-profittabilità, li kull wieħed minnhom jiġi evalwat u mqabbel ma' dawk tal-pari u l-gruppi tal-industrija, u miżuri kwalitattivi dwar l-emittent tal-istrument, bħall-effikaċja tal-maniġment u l-istrateġija korporattiva, li kull waħda tkun analizzata sabiex jiġi determinat li l-istrateġija globali tal-emittent ma xxekkilx il-kwalità tal-kreditu futur tiegħu. Eżitu favorevoli tal-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jenħtieġ li tirrifletti l-fatt li l-kredibbiltà kreditizja tal-emittent tal-istrumenti u l-kwalità kreditizja suffiċjenti tal-istrumenti.

(34) Biex jiżviluppa proċedura interna trasparenti u koerenti ta' valutazzjoni tal-kwalitá tal-kreditu, il-maniġer ta' MMF jenħtieġ li jiddokumenta l-proċedura u l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jiżgura li l-proċedura ssegwi sett ċar ta' regoli li jistgħu jiġu mmonitorjati u li l-metodoloġiji użati jiġu kkomunikati lill-partijiet interessati, meta dawn jitolbuhom, lill-investituri u l-awtoritajiet kompetenti bi qbil ma' dan ir-Regolament.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

([2]) Direttiva 2013/14/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, id-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza żejda fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu (ĠU L 145, 31.5.2013, p. 1).

(35) Sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-portafoll ta' MMFs huwa importanti li jiġu stabbiliti limitazzjonijiet fuq il-maturità, li jipprovdu għal maturità medja ponderata (WAM, weighted average maturity) massima permissibbli u perjodu medju ponderat (WAL, weighted average life).

(36) Il-WAM tintuża sabiex titkejjel is-sensittività ta' MMF għar-rati tal-imgħax li jinbidlu tas-suq monetarju. Fl-istabbiliment tal-WAM, il-maniġers ta' MMFs jenħtieġ li jikkunsidraw l-impatt tal-istrumenti derivattivi, id-depożiti, il-ftehimiet ta' riakkwist u l-ftehimiet ta' retroriakkwist u jirriflettu l-effett tagħhom fuq ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-MMF. Meta MMF jidħol fi tranżazzjoni ta' swap biex jikseb skopertura għal strument b'rata fissa minflok rata varjabbli, dak il-fatt jenħtieġ li jiġi kkunsidrat għall-istabbiliment tal-WAM.

(37) Il-WAL jintuża sabiex jitkejjel ir-riskju ta' kreditu ta' portafoll ta' MMF: aktar ma jiġi pospost ir-rimborż tal-kapital, aktar ikun kbir ir-riskju ta' kreditu. Il-WAL jintuża wkoll sabiex jillimita r-riskju tal-likwidità ta' portafoll ta' MMF. Kuntrarju għall-kalkolu tal-WAM, il-kalkolu tal-WAL għat-titoli b'rata varjabbli u l-istrumenti finanzjarji strutturati ma jippermettix l-użu ta' dati għall-issettjar mill-ġdid tar-rati tal-imgħax iżda minflok juża l-maturità finali ddikjarata tal-istrument finanzjarju. Il-maturità użata għall-kalkolu tal-WAL hija l-maturità residwa sat-tifdija legali, billi dik hija l-unika data li fiha l-kumpanija maniġerjali tista' tistenna b'mod raġonevoli li l-istrument ikun ġie rimborżat. Minħabba n-natura partikolari tal-assi sottostanti għal uħud mit-titolizzazzjonijiet u l-ABCPs, fil-każ ta' strumenti ta' ammortizzazzjoni, il-WAL jenħtieġ li jkun jista' jiġi bbażat fuq il-kalkolu tal-maturità għall-istrumenti ta' ammortizzazzjoni jew fuq il-profil ta' ammortizzazzjoni kuntrattwali ta' tali strumenti jew il-profil tal-ammortizzazzjoni tal-assi sottostanti li minnhom jirriżultaw il-flussi ta' flus kontanti għat-tifdija ta' tali strumenti.

(38) Sabiex tissaħħaħ il-ħila tal-MMFs li jiffaċċaw tifdijiet u sabiex jiġi evitat li l-assi tagħhom jiġu likwidati bi prezzijiet skontati ħafna, l-MMFs jenħtieġ li jżommu fuq bażi kontinwa ammont minimu ta' assi likwidi li jimmaturaw kuljum jew kull ġimgħa. Assi li jimmaturaw kuljum jenħtieġ li jinkludu assi bħalma huma l-flus kontanti, it-titoli li jimmaturaw fi żmien jum ta' xogħol wieħed u ftehimiet ta' retroriakkwist. Assi li jimmaturaw kull ġimgħa jenħtieġ li jinkludu assi bħalma huma l-flus kontanti, it-titoli li jimmaturaw fi żmien ġimgħa u ftehimiet ta' retroriakkwist. Fil-każ ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u MMFs b'volatilità baxxa tal-valur nett tal-assi (LVNAV MMFs, low volatility net asset value MMFs), perċentwal limitat ta' karti tal-gvern b'maturità residwa ta' 190 jum li jistgħu jiġu saldati fi żmien jum ta' xogħol jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jgħoddu għar-rekwiżiti ta' likwidità ta' kull ġimgħa. Fil-każ ta' MMFs b'valur nett varjabbli tal-assi (VNAV MMFs, variable net asset value), perċentwal limitat ta' strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet jew ishma ta' MMFs eliġibbli jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jgħoddu għar-rekwiżiti ta' likwitdità ta' kull ġimgħa sakemm dawn jistgħu jiġu saldati fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-assi li jimmaturaw kuljum jew kull ġimgħa, jenħtieġ li tintuża d-data tat-tifdija legali. Tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-maniġer ta' MMF itemm kuntratt fuq bażi ta' terminu qasir ta' żmien. Pereżempju, jekk ftehim ta' retroriakkwist ikun jista' jiġi tterminat billi jingħata avviż ġurnata ta' xogħol qabel, dan jenħtieġ li jitqies bħala assi li jimmatura kuljum. Jekk il-maniġer ikollu l-possibbiltà li jiġbed flus minn kont ta' depożitu b'avviż ġurnata ta' xogħol qabel, dan jenħtieġ li jitqies bħala assi li jimmatura kuljum. Meta strument finanzjarju jintegra opzjoni put u l-put tista' tiġi eżerċitata liberament fuq bażi ta' kuljum, jew fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, u l-prezz tal-eżerċitar tal-put hu qrib tal-valur mistenni tal-istrument, dak l-istrument jenħtieġ li jgħodd rispettivament bħala assi li jimmatura kuljum jew kull ġimgħa.

(39) Minħabba li MMFs jistgħu jinvestu f'assi b'firxiet differenti ta' maturità, hu importanti għall-investituri li jkunu jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' MMFs. Għalhekk, MMF jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala MMF għal terminu qasir ta' żmien jew bħala MMF standard. L-MMFs għal terminu qasir ta' żmien għandhom l-għan li joffru dħul bir-rata tas-suq monetarju filwaqt li jiżguraw l-ogħla livell ta' sigurtà possibbli għall-investituri. Fuq rotot qosra WAM u WAL, ir-riskju tat-tul ta' żmien u r-riskju tal-kreditu tal-MMFs għal terminu qasir ta' żmien jinżammu f'livelli baxxi.

(40) L-MMFs standard għandhom l-għan li joffru redditi daqsxejn ogħla mir-redditi tas-suq monetarju, u għalhekk jinvestu f'assi li għandhom maturità estiża. Sabiex jiksbu tali prestazzjoni aħjar, MMFs standard jenħtieġ li jitħallew jużaw limiti estiżi għar-riskju tal-portafoll bħall-WAM u l-WAL.

(41) Taħt l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2009/65/KE, il-maniġers ta' MMFs li huma UCITS għandhom il-possibbiltà li jissospendu temporanjament it-tifdijiet f'każijiet eċċezzjonali meta ċ-ċirkustanzi jeħtieġu hekk. Taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-Artikolu 47 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 ([1]), il-maniġers ta' MMFs li huma AIFs jistgħu jużaw arranġamenti speċjali sabiex jilqgħu għal xi illikwidità li tinterrompi l-assi tal-fond.

(42) Sabiex jiżguraw immaniġġar xieraq tal-likwidità, jenħtieġ li l-MMFs jistabbilixxu politiki u proċeduri tajba biex isiru jafu lill-investituri tagħhom. Il-politiki li l-maniġer ta' MMF jimplimenta jenħtieġ li jgħinu sabiex tiġi mifhuma l-bażi tal-investituri tal-MMF, b'mod li tifdijiet kbar ikunu jistgħu jiġu antiċipati. Sabiex MMF ma jiffaċċax tifdijiet massivi f'daqqa, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil investituri kbar li jirrappreżentaw porzjon sostanzjali tal-assi tal-MMF, bħal investitur li jirrappreżenta aktar mill-proporzjon ta' assi li jimmaturaw kuljum. Il-maniġer ta' MMF jenħtieġ li jħares lejn l-identità tal-investituri tiegħu, anki jekk ikunu rrappreżentati minn kontijiet nominati, portali jew kwalunkwe xerrej indirett ieħor.

(43) Bħala parti minn immaniġġar prudenti tar-riskju, l-MMFs jenħtieġ li jwettqu ttestjar tal-istress, tal-inqas darbtejn fis-sena. Il-maniġer ta' MMF huwa mistenni jaġixxi sabiex isaħħaħ ir-robustezza tal-MMF kull meta r-riżultati tal-ittestjar tal-istress jindikaw vulnerabbiltajiet.

(44) Sabiex jiġi rifless il-valur attwali tal-assi, l-użu ta' valwazzjoni skont is-suq jenħtieġ li jkun il-metodu preferut ta' valwazzjoni. Il-maniġer ta' MMF jenħtieġ li ma jitħalliex juża l-valwazzjoni skont mudell meta l-valwazzjoni skont is-suq tipprovdi valur kredibbli tal-assi, billi l-valwazzjoni skont mudell x'aktarx li tipprovdi valwazzjoni inqas preċiża. Assi bħall-kambjali tat-teżor u tal-awtoritajiet lokali, in-noti ta' terminu medju jew qasir ta' żmien huma ġeneralment dawk li huma mistennija li jkollhom valwazzjoni skont is-suq affidabbli. Għall-valwazzjoni tal-karti kummerċjali jew taċ-ċertifikati ta' depożitu, jenħtieġ li l-maniġer ta' MMF jiċċekkja jekk ikunx ipprovdut ipprezzar korrett minn suq sekondarju. Il-prezz tar-riakkwist maħruġ mill-emittent hu meqjus ukoll li jirrappreżenta stima tajba tal-valur tal-karta kummerċjali. Uħud mill-assi jista' jkollhom diffikultà inerenti biex jiġu valutati skont il-prezzijiet tas-suq, pereżempju derivattivi OTC li huma ftit kummerċjalizzati. Fejn dan ikun il-każ u fejn valwazzjoni skont is-suq ma tagħtix valur affidabbli tal-assi, il-maniġer ta' MMF jenħtieġ li jassenja valur ġust lill-assi billi juża l-valwazzjoni skont il-mudell, pereżempju l-maniġer ta' MMF jenħtieġ li juża data tas-suq bħar-rendiment fuq emissjonijiet komparabbli u emittenti kumparabbli jew billi jiskonta l-flussi tal-flus kontanti tal-assi. Il-valwazzjoni skont il-mudell tuża mudelli finanzjarji biex talloka valur ġust ta' assi. Dawn il-mudelli jistgħu, pereżempju, ikunu żviluppati mill-MMF innifsu, jew l-MMF jista' juża mudelli eżistenti minn partijiet esterni bħall-vendituri ta' data.

(45) Is-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku għandhom l-għan li jippreservaw il-kapital filwaqt li jiżguraw grad għoli ta' likwidità. Il-maġġoranza tas-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku għandhom valur nett tal-assi (NAV, net asset value) għal kull unità jew sett ta' ishma, pereżempju, ta' EUR 1, USD 1 jew GBP 1 meta jqassmu l-introjtu lill-investituri. Is-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku oħra jakkumulaw l-introjtu fin-NAV tal-fond filwaqt li jżommu l-valur intrinsiku tal-assi f'valur kostanti.

(46) Sabiex jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tas-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u l-LVNAV MMFs, huma jenħtieġu wkoll jitħallew jużaw il-metodu ta' kost amortizzat rikonoxxut b'mod internazzjonali kif stabbilit fl-istandards tal-kontabilità internazzjonali adottati mill-Unjoni għal ċerti assi. Madankollu, sabiex ikun żgurat li d-differenza bejn in-NAV kostanti għal kull unità jew sehem u n-NAV għal kull unità jew sehem ikun sorveljat f'kull ħin, is-CNAV MMF ta' dejn pubbliku u l-LVNAV MMFs jenħtieġ li jikkalkulaw wkoll il-valur tal-assi tagħhom fuq il-bażi tal-valwazzjoni skont is-suq jew ta' valwazzjoni skont mudell.

(47) Ladarba MMF jenħtieġ li jippubblika NAV li jirrifletti l-movimenti kollha fil-valur tal-assi tiegħu, in-NAV ippubblikat jenħtieġ li jiġi rrotondat sa mhux aktar mill-eqreb punt bażi jew l-ekwivalenti tiegħu. Minħabba f'hekk, meta n-NAV jiġi ppubblikat f'munita speċifika, pereżempju EUR 1, iż-żieda inkrementali fil-valur jenħtieġ li ssir kull EUR 0,0001. Fil-każ ta' NAV ta' EUR 100, il-bidla inkrementali fil-valur jenħtieġ li ssir kull EUR 0,01. Barra minn hekk, jekk l-MMF ikun CNAV MMF ta' dejn pubblikujew LVNAV MMF, l-MMF jenħtieġ li jkun jista' jippubblika n-NAV kostanti u d-differenza bejn in-NAV kostanti u n-NAV. F'dan il-każ, in-NAV kostanti jiġi kkalkulat bir-rotondar sal-eqreb ċenteżmu għal NAV ta' EUR 1 (kull moviment ta' EUR 0,01).

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

(48) Sabiex ikunu jistgħu jimmitigaw it-tifdija potenzjali minn investituri fi żmenijiet ta' stress qawwi fis-suq, is-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u l-LVNAV MMFs jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ dispożizzjonijiet għal tariffi ta' likwidità u limiti ta' tifdija li jiżguraw il-protezzjoni tal-investituri u jevitaw il-"vantaġġ ta' min jagħmel l-ewwel pass". It-tariffa ta' likwidità jenħtieġ li tirrifletti b'mod adegwat il-kost għall-MMF biex jilħaq il-likwidità u dan jenħtieġ li ma jammontawx għal ħlas ta' penali li jista' jibbilanċja t-telf li jagħmlu investituri oħra mit-tifdija.

(49) L-appoġġ estern mogħti lil MMF bl-għan li tinżamm jew il-likwidità jew l-istabbiltà, jew li de facto jkollu dawn l-effetti jżid ir-riskju ta' kontaġju bejn is-settur tal-MMF u l-bqija tas-settur finanzjarju. Il-partijiet terzi, inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji oħra jew entitajiet ġuridiċi fl-istess grupp bħall-MMF, li jipprovdu tali appoġġ jista' jkollhom interess li jagħmlu dan, jew għax ikollhom interess ekonomiku fil-kumpanija maniġerjali li timmaniġġa l-MMF jew għax ikunu jridu jevitaw kwalunkwe dannu għar-reputazzjoni jekk isimhom ikun assoċjat mal-falliment ta' MMF. Billi dawk il-partijiet terzi ma jintrabtux dejjem b'mod espliċitu li jipprovdu jew li jiggarantixxu l-appoġġ, hemm inċertezza dwar jekk tali appoġġ jingħatax meta l-MMF ikun jeħtieġu. F'dawk iċ-ċirkustanzi, in-natura diskrezzjonali tal-appoġġ tal-isponsors tikkontribwixxi għall-inċertezza fost il-parteċipanti fis-suq dwar min se jġorr it-telf tal-MMF meta dan iseħħ. Dik l-inċertezza x'aktarx tagħmel lill-MMFs saħansitra aktar vulnerabbli għall-assalti bankarji waqt perjodi ta' instabbiltà finanzjarja, meta r-riskji finanzjarji aktar wiesgħa jkunu l-aktar evidenti u meta jinħoloq tħassib dwar is-saħħa tal-isponsors u l-ħila tagħhom li jipprovdu appoġġ lill-MMFs affiljati. Għal dawk ir-raġunijiet, l-appoġġ estern lill-MMFs jenħtieġ li jkun ipprojbit.

(50) Qabel ma jinvestu f'MMF, l-investituri jenħtieġ li jkun infurmati b'mod ċar jekk l-MMF ikunx għal terminu qasir jew ta' natura standard u jekk l-MMF ikunx CNAV MMF ta' dejn pubbliku, LVNAV MMF jew VNAV MMF. Biex jiġu evitati aspettattivi żbaljati mill-investitur, jenħtieġ li jiġi ddikjarat ukoll b'mod ċar fi kwalunkwe dokument promozzjonali li MMF mhuwiex strument ta' investiment garantit. L-MMFs jenħtieġ ukoll li jagħmlu disponibbli ċerta informazzjoni oħra lill-investituri fuq bażi ta' kull ġimgħa, inkluża l-analiżi skont il-maturità tal-portafoll, il-profil tal-kreditu u dettalji tal-akbar 10 parteċipazzjonijiet fl-MMF.

(51) Minbarra r-rappurtar diġà rikjest skont id-Direttiva 2009/65/KE jew 2011/61/UE, u biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw, jissorveljaw u jirrispondu għal riskji fis-suq tal-MMFs, l-MMFs jenħtieġ li jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom lista dettaljata ta' informazzjoni dwar l-MMF, inklużi t-tip u l-karatteristiċi tal-MMF, l-indikaturi tal-portafoll u l-informazzjoni dwar l-assi miżmuma fil-portafoll. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġbru dik id-dejta b'mod konsistenti madwar l-Unjoni kollha biex jiksbu għarfien sostantiv tal-evoluzzjonijiet prinċipali tas-suq tal-MMFs. Sabiex tiġi faċilitata analiżi kollettiva tal-impatti potenzjali tas-suq tal-MMFs fl-Unjoni, din id-dejta jenħtieġ li tiġi trasmessa lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jenħtieġ li toħloq bażi ta' dejta ċentrali ta' MMFs.

(52) L-awtorità kompetenti ta' MMF jenħtieġ li tivverifika jekk l-MMF huwiex kapaċi jikkonforma ma' dan ir-Regolament fuq bażi kontinwa. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jingħataw is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha, inkluża l-possibbiltà li jiġu imposti ċerti penali u miżuri meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat eżistenti skont id-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE. L-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS jew l-AIF jenħtieġ li jivverifikaw ukoll il-konformità tal-impriżi kollha ta' investiment kollettiv li għandhom il-karatteristiċi tal-MMFs u li jkunu jeżistu fil-ħin li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

(53) Sabiex tispeċifika aktar l-elementi tekniċi ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) jenħtieġ li tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-introduzzjoni ta' kontroreferenza għall-kriterji għat-titolizzazzjonijiet STS u ABCPs, sabiex tispeċifika l-likwidità kwantitattiva u kwalitattiva u rekwiżiti tal-kwalità tal-kreditu applikabbli għal assi, u sabiex tispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet

([1]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(54) Il-Kummissjoni jenħtieġ li wkoll tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ESMA jenħtieġ li tkun inkarigata mit-tfassil ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ta' mudell ta' rapportar li jinkludi informazzjoni dwar l-MMFs għall-awtoritajiet kompetenti.

(55) L-ESMA jenħtieġ li tkun kapaċi teżerċita s-setgħat kollha mogħtija lilha bid-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE fir-rigward ta' dan ir-Regolament. Hija inkarigata wkoll mill-iżvilupp ta' abbozz — ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni.

(56) Sal-21 ta' Lulju 2022, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel rieżami ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jqis l-esperjenza akkwistata fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u janalizza l-impatti fuq l-aspetti ekonomiċi differenti marbuta mal-MMFs. Jenħtieġ li jqis ukoll l-impatt fuq l-investituri, l-MMFs u l-maniġers tal-MMFs fl-Unjoni. Jeħtieġ jivvaluta wkoll ir-rwol li l-MMFs jiżvolġu fix-xiri ta' dejn maħruġ jew garantit mill-Istati Membri, filwaqt li jqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' dejn bħal dan minħabba li għandu rwol vitali fl-iffinanzjar tal-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-rieżami jenħtieġ li jqis ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 509(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-swieq ta' finanzjament, u żviluppi regolatorji fil-livell internazzjonali. Finalment, sal-21 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport dwar il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' 80 % tal-kwota ta' dejn pubbliku, minħabba li l-ħruġ ta' strumenti tal-UE ta' dejn pubbliku fuq terminu qasir hu rregolat mid-dritt tal-Unjoni, li għalhekk jiġġustifika, mill-perspettiva ta' superviżjoni prudenzjali, trattament preferenzjali meta mqabbel ma' dejn pubbliku mhux tal-UE. Minħabba l-iskarsezza attwali ta' strumenti ta' dejn pubbliku fuq terminu qasir tal-UE u l-inċertezza fir-rigward tal-iżvilupp ta' LVNAV MMFs stabbilit reċentement, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' kwota ta' 80 % ta' dejn pubbliku tal-UE sal-21 ta' Lulju 2022, inkluża valutazzjoni dwar jekk il-mudell LVNAV MMF ikunx sar alternattiva għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku mhux tal-UE.

(57) Ir-regoli uniformi l-ġodda dwar l-MMFs previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonformaw mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(58) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu żgurati rekwiżiti prudenzjali, ta' governanza u trasparenza li japplikaw għall-MMFs madwar l-Unjoni, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-ħtieġa li jkun hemm bilanċ bejn is-sikurezza u l-kredibbiltà tal-MMFs bl-operat effiċjenti tas-swieq monetarji u l-kost għall-bosta partijiet interessati tagħhom, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(59) Ir-regoli uniformi l-ġodda dwar l-MMFs previsti f'dan ir-Regolament jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur, il-libertà tat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi u l-protezzjoni ta' dejta personali. Ir-regoli uniformi l-ġodda dwar l-MMFs jenħtieġ li jiġu applikati skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji,

---

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([3]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([4]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal fondi tas-suq monetarju (MMFs, money market funds) stabbiliti, amministrati jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, dwar l-istrumenti finanzjarji eliġibbli għal investiment minn MMF, il-portafoll ta' MMF, il-valwazzjoni tal-assi ta' MMF, u r-rekwiżiti ta' rapportar fir-rigward ta' MMF.

Dan ir-Regolament japplika għal impriżi ta' investiment kollettiv li:

(a) jeħtieġu awtorizzazzjoni bħala UCITS jew huma awtorizzati bħala UCITS skont id-Direttiva 2009/65/KE jew li huma AIFs skont id-Direttiva 2011/61/UE;

(b) jinvestu f'assi b'terminu qasir ta' żmien; u

(c) għandhom għanijiet distinti jew kumulattivi li joffru redditi konformi mar-rati tas-suq monetarju jew li jippreservaw il-valur tal-investiment.

2. L-Istati Membri ma għandhomx iżidu xi rekwiżit addizzjonali fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "assi b'terminu qasir ta' żmien" tfisser assi finanzjarji b'maturità residwa li ma taqbiżx is-sentejn;

(2) "strumenti tas-suq monetarju" tfisser strumenti tas-suq monetarju kif definiti fl-Artikolu 2(1)(o) tad-Direttiva 2009/65/KE, u strumenti kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/16/KE ([1]);

(3) "titoli trasferibbli" tfisser titoli trasferibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1)(n) tad-Direttiva 2009/65/KE, u strumenti kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2007/16/KE;

(4) "ftehim ta' riakkwist" tfisser kwalunkwe ftehim li fih parti waħda tittrasferixxi titoli jew drittijiet relatati ma' kontroparti, soġġetta għal impenn ta' riakkwist tagħhom bi prezz speċifikat f'data fil-ġejjieni speċifikata jew li għad trid tiġi speċifikata;

(5) "ftehim ta' retroriakkwist" tfisser kwalunkwe ftehim li fih parti minnhom tirċievi titoli, jew xi dritt relatat ma' titolu jew titolu minn kontroparti, soġġett għal impenn li jinbiegħu lura bi prezz speċifikat f'data fil-ġejjieni speċifikata jew li għad trid tiġi speċifikata;

(6) 'għoti b'self ta' titoli' u 'teħid b'self ta' titoli' tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li fiha istituzzjoni jew il-kontroparti tagħha tittrasferixxi titoli soġġetta għal impenn li l-mutwatarju se jrodd lura titoli ekwivalenti f'xi data fil-ġejjieni jew meta jintalab jagħmel hekk mit-trasferitur, b'dik it-tranżazzjoni magħrufa bħala "għoti b'self ta' titoli" għall-istituzzjoni li tittrasferixxi t-titoli u magħrufa bħala "teħid b'self ta" titoli' għall-istituzzjoni li huma ttrasferiti lilha;

(7) "titolizzazzjoni" tfisser titolizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(8) "valwazzjoni skont is-suq" tfisser il-valwazzjoni tal-pożizzjonijiet fi prezzijiet ta' għeluq bil-lest li jinġiebu b'mod indipendenti, inklużi prezzijiet tal-kambju, prezzijiet tal-iskrin jew kwotazzjonijiet minn bosta sensara indipendenti b'reputazzjoni tajba;

([1]) Direttiva tal-Kummissjoni 2007/16/KE tad-19 ta' Marzu 2007 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) rigward il-kjarifika ta' ċerti definizzjonijiet (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 11).

(9) "valwazzjoni skont mudell" tfisser kwalunkwe valwazzjoni li taqbel ma' punt ta' riferiment, tiġi estrapolata jew tiġi kkalkolata b'xi mod ieħor minn input wieħed jew iktar tas-suq;

(10) "metodu ta' kost amortizzat" tfisser metodu ta' valwazzjoni li jieħu l-kost tal-akkwiżizzjoni ta' assi u jaġġusta dak il-valur għal amortizzazzjoni ta' primjums jew skontijiet sal-maturità;

(11) "MMF b'valur nett kostanti tal-assi ta' dejn pubbliku" jew "CNAV MMF ta' dejn pubbliku" tfisser MMF:

(a) li jfittex li jżomm valur nett stabbli tal-assi (NAV, net asset value) għal kull unità jew sehem;

(b) fejn id-dħul fil-fond ikun dovut kuljum u jista' jew jitħallas lill-investitur jew jintuża biex jinxtraw aktar unitajiet jew ishma fil-fond;

(c) u fejn l-assi ġeneralment jiġu valutati skont il-metodu ta' kost amortizzat u fejn in-NAV jitqarreb lejn l-eqreb punt perċentwali jew l-ekwivalenti tiegħu f'termini monetarji; u

(d) li jinvesti mill-inqas 99,5 % tal-assi tiegħu fi strumenti msemmija fl-Artikolu 17(7), ftehimiet ta' retroriakkwist garantit b'dejn tal-gvern imsemmi fl-Artikolu 17(7) u fi flus kontanti;

(12) "MMF b'volatilità baxxa tal-valur nett tal-assi" jew "LVNAV MMF" tfisser MMF li jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi stipulati fl-Artikoli 29, 30 u 32 u fl-Artikolu 33(2)(b);

(13) "MMF b'valur nett varjabbli tal-assi" jew "VNAV MMF" tfisser MMF li jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi stipulati fl-Artikoli 29 u 30 u fl-Artikolu 33(1);

(14) "MMF għal terminu qasir ta' żmien" tfisser MMF li jinvesti fi strumenti tas-suq monetarju eliġibbli msemmija fl-Artikolu 10(1) u li hu suġġett għar-regoli tal-protafoll stabbiliti fl-Artikolu 24;

(15) "MMF standard" tfisser MMF li jinvesti fi strumenti eliġibbli tas-suq monetarju msemmija fl-Artikolu 10(1) u (2) u huwa suġġett għar-regoli tal-portafoll stabbiliti fl-Artikolu 25;

(16) "istituzzjonijiet ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(17) "awtorità kompetenti tal-MMF" tfisser:

(a) għall-UCITS, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tal-UCITS magħżula f'konformità mal-Artikolu 97 tad-Direttiva 2009/65/KE;

(b) għal AIFs tal-UE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tal-AIF kif definit fl-Artikolu 4(1)(p) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(c) għal AIFs mhux tal-UE, xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-AIF mhux tal-UE jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bla passaport;

(ii) l-awtorità kompetenti tal-AIFM tal-UE li jmexxi l-AIF mhux tal-UE, fejn l-AIF mhux tal-UE jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bla passaport jew ma jitqiegħedx fis-suq tal-Unjoni;

(iii) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza jekk l-AIF mhux tal-UE ma jkunx immexxi minn AIFM tal-UE u jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni b'passaport;

(18) "maturità legali" tfisser id-data li fiha l-kapital prinċipali ta' titolu għandu jitħallas lura bis-sħiħ u li mhuwiex soġġett għal xi għażla;

(19) "maturità medja ponderata" (weighted average maturity) jew "WAM" tfisser it-tul medju ta' żmien għall-maturità legali jew, jekk iqsar, għar-rata tal-imgħax li jmiss issettjata mill-ġdid għal rata tas-suq monetarju, tal-assi sottostanti kollha fl-MMF li jirriflettu l-parteċipazzjonijiet relattivi f'kull assi;

(20) "ħajja medja ponderata" (weighted average life) jew "WAL" tfisser it-tul medju ta' żmien għall-maturità legali tal-assi kollha sottostanti fl-MMF li jirriflettu l-parteċipazzjonijiet relattivi f'kull assi;

(21) "maturità residwa" tfisser it-tul ta' żmien li jifdal sal-maturità legali ta' titolu;

(22) "bejgħ bin-nieqes" tfisser kwalunkwe bejgħ minn MMF ta' strument li l-MMF ma jippossjedix fil-ħin li jidħol fil-ftehim ta' bejgħ, inkluż dak il-bejgħ fejn, fil-ħin li jidħol fil-ftehim ta' bejgħ, l-MMF ikun issellef jew ftiehem li jissellef l-istrument għall-konsenja mal-ħlas, li ma jinkludix:

(a) bejgħ minn kwalunkwe parti taħt ftehim ta' riakkwist fejn parti qablet li tbigħ lill-oħra titolu għal prezz speċifikat b'impenn mill-parti l-oħra li tbigħ it-titolu lura f'data aktar tard għal prezz speċifikat ieħor, jew

(b) id-dħul f'kuntratt ta' futuri jew kuntratt ta' derivattiv ieħor fejn huwa maqbul li jinbiegħu t-titoli għal prezz speċifikat f'data futura;

(23) "maniġer ta' MMF" tfisser, fil-każ ta' MMF li hu UCITS, il-kumpanija maniġerjali UCITS jew il-kumpanija ta' investiment tal-UCITS f'każ ta' UCITS li timmaniġġja lilha nnifisha, u fil-każ ta' MMF li hi AIF, AIFM jew AIF li timmaniġġja lilha nnifisha.

*Artikolu 3*

**Tipi ta' MMFs**

1. L-MMFs għandhom ikunu stabbiliti bħala wieħed mit-tipi li ġejjin:

(a) VNAV MMF;

(b) CNAV MMF ta' dejn pubbliku;

(c) LVNAV MMF.

2. L-awtorizzazzjoni ta' MMF għandha tiddikjara espliċitament it-tip ta' MMF, minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

**Awtorizzazzjoni tal-MMFs**

1. Ebda impriża ta' investiment kollettiv ma għandha titwaqqaf, titqiegħed fis-suq jew titmexxa fl-Unjoni bħala MMF sakemm ma tkunx ġiet awtorizzata skont dan ir-Regolament.

Din l-awtorizzazzjoni tkun valida għall-Istati Membri kollha.

2. Impriża ta' investiment kollettiv li teħtieġ awtorizzazzjoni bħala UCITS taħt id-Direttiva 2009/65/KE u bħala MMF taħt dan ir-Regolament għall-ewwel darba għandha tkun awtorizzata bħala MMF bħala parti mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni UCITS skont id-Direttiva 2009/65/KE.

Fejn impriża ta' investiment kollettiv tkun diġà ġiet awtorizzata bħala UCITS skont id-Direttiva 2009/65/KE, din tista' tapplika għal awtorizzazzjoni bħala MMF f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

3. Impriża ta' investiment kollettiv li hija AIF u li teħtieġ awtorizzazzjoni bħala MMF taħt dan ir-Regolament għandha tkun awtorizzata bħala MMF skont il-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5.

4. Ebda impriża ta' investiment kollettiv ma għandha tkun awtorizzata bħala MMF sakemm l-awtorità kompetenti tal-MMF ma tkunx sodisfatta li l-MMF se jkun kapaċi jilħaq ir-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament.

5. Għall-finijiet ta' awtorizzazzjoni bħala MMF, impriża ta' investiment kollettiv għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti tagħha d-dokumenti kollha li ġejjin:

(a) ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-MMF, inkluża indikazzjoni ta' liema tip ta' MMF ikun minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 3(1);

(b) identifikazzjoni tal-maniġer tal-MMF;

(c) identifikazzjoni tad-depożitarju;

(d) deskrizzjoni tal-MMF disponibbli għall-investituri, jew kwalunkwe informazzjoni fuqu;

(e) deskrizzjoni tal-arranġamenti u l-proċeduri meħtieġa biex tinżamm konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-Kapitoli minn II sa VII, jew kwalunke informazzjoni fuqhom;

(f) kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti oħrajn mitlubin mill-awtorità kompetenti tal-MMF biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

6. Fuq bażi trimestrali, l-awtoritajiet kompetenti jgħarrfu lill-ESMA dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija jew irtirati skont dan ir-Regolament.

7. L-ESMA għandha żżomm reġistru ċentrali pubbliku u fih tidentifika kull MMF awtorizzat skont dan ir-Regolament, it-tip tiegħu skont l-Artikolu 3(1), jekk huwiex MMF għal terminu qasir ta' żmien jew standard, il-maniġer ta' MMF u l-awtorità kompetenti tal-MMF. Ir-reġistru jkun disponibbli f'format elettroniku.

*Artikolu 5*

**Proċedura biex jiġu awtorizzati MMFs li huma AIFs**

1. AIF għandu jkun awtorizzat bħala MMF biss jekk l-awtorità kompetenti tal-MMF tapprova l-applikazzjoni mressqa minn AIFM, li jkun diġà awtorizzat skont id-Direttiva 2011/61/UE, biex imexxi MMF li hu AIF, u japprova wkoll ir-regoli tal-fond u l-għażla tad-depożitarju.

2. Meta jissottometti l-applikazzjoni biex imexxi MMF li huwa AIF, l-AIFM awtorizzat għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-MMF:

(a) bil-ftehim miktub mad-depożitarju;

(b) b'informazzjoni fuq l-arranġamenti ta' delegazzjoni dwar il-portafoll u l-immaniġġar u l-amministrazzjoni tar-riskji fir-rigward tal-AIF;

(c) b'informazzjoni fuq l-istrateġiji ta' investiment, il-profil ta' riskju u karatteristiċi oħrajn ta' MMFs li huma AIFs li l-AIFM imexxi jew għandu l-ħsieb li jmexxi.

L-awtorità kompetenti tal-MMF tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-AIFM għal kjarifika u informazzjoni li tikkonċerna d-dokumentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu jew attestazzjoni dwar jekk l-MMFs jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' tmexxija tal-AIFM. L-awtorità kompetenti tal-AIFM għandha twieġeb fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn tali talba.

3. Kwalunkwe modifika sussegwenti fid-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi nnotifikata minnufih lill-awtorità kompetenti tal-MMF mill-AIFM.

4. L-awtorità kompetenti tal-MMF għandha tirrifjuta l-applikazzjoni tal-AIFM biss f'każ li tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-AIFM ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament;

(b) l-AIFM ma jikkonformax mad-Direttiva 2011/61/UE;

(c) l-AIFM mhuwiex awtorizzat mill-awtorità kompetenti tiegħu biex imexxi MMFs;

(d) l-AIFM ma pprovdiex id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Qabel tirrifjuta applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-MMF għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-AIFM.

5. L-awtorizzazzjoni ta' AIF bħala MMF ma għandhiex tkun soġġetta għal rekwiżit li l-AIF jitmexxa minn AIFM awtorizzat fl-Istat Membru ta' oriġini tal-AIF jew li l-AIFM iwettaq jew jiddelega xi attivitajiet fl-Istat Membru ta' oriġini tal-AIF.

6. Fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni sħiħa, l-AIFM għandu jiġi mgħarraf jekk ingħatatx jew le awtorizzazzjoni tal-AIF bħala MMF.

7. L-awtorità kompetenti tal-MMF ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni ta' AIF bħala MMF jekk l-AIF huwa legalment projbit milli jqiegħed fis-suq l-unitajiet jew l-ishma tiegħu fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu.

*Artikolu 6*

**L-użu tad-deżinjazzjoni bħala MMF**

1. UCITS jew AIF għandhom jużaw id-deżinjazzjoni "fond tas-suq monetarju" jew "MMF" relattivament għalihom innifishom jew għall-unitajiet jew l-ishma li joħorġu biss fejn l-UCITS jew l-AIF ikunu ġew awtorizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

UCITS jew AIF m'għandhomx jużaw deżinjazzjoni li tiżgwida jew li ma tkunx preċiża li tista' tissuġġerixxi li huma MMF, sakemm ma jkunux ġew awtorizzati bħala MMF skont dan ir-Regolament.

UCITS jew AIF m'għandhomx ikollhom karatteristiċi li jkunu sostanzjalment simili għal dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1), sakemm ma jkunux ġew awtorizzati bħala MMF skont dan ir-Regolament.

2. L-użu tad-deżinjazzjoni "fond tas-suq monetarju", "MMF" jew deżinjazzjoni oħra li tissuġġerixxi li UCITS jew AIF huma MMF għandu jfisser l-użu fi kwalunkwe dokument estern, prospett, rapport, dikjarazzjoni, reklam, komunikazzjoni, ittra jew kwalunkwe materjal ieħor indirizzat jew maħsub biex jitqassam lil investituri prospettivi, detenturi ta' unitajiet, azzjonisti jew awtoritajiet kompetenti bil-miktub, b'mod orali, elettroniku jew xi mod ieħor.

*Artikolu 7*

**Regoli applikabbli**

1. MMF u l-maniġer tal-MMF għandhom jikkonformaw il-ħin kollu ma' dan ir-Regolament.

2. MMF li jkun UCITS u l-maniġer tal-MMF għandhom jikkonformaw il-ħin kollu mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/65/KE, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

3. MMF li jkun AIF u l-maniġer tal-MMF għandhom jikkonformaw il-ħin kollu mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

4. Il-maniġer ta' MMF għandu jkun responsabbli milli jiżgura li tinżamm konformità ma' dan ir-Regolament u għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara li ġejjin min-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

5. Dan ir-Regolament ma għandux iżomm lil MMFs milli japplikaw limiti tal-investimenti li huma iktar stretti minn dawk meħtieġa minn dan ir-Regolament.

*KAPITOLU II*

***Obbligi li jikkonċernaw il-politiki ta' investiment tal-MMFs***

Taqsima I

**Regoli ġenerali u assi eliġibbli**

*Artikolu 8*

**Prinċipji ġenerali**

1. Fejn MMF ikun fih aktar minn kompartiment wieħed ta' investiment, kull kompartiment għandu jitqies bħala MMF separat għall-finijiet tal-Kapitoli II sa VII.

2. L-MMFs awtorizzati bħala UCITS ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligi li jikkonċernaw politiki ta' investiment ta' UCITS stabbiliti fl-Artikoli 49 sa 50a, l-Artikolu 51(2), u l-Artikoli 52 sa 57 tad-Direttiva 2009/65/KE, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod espliċitu b'xi mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Assi eliġibbli**

1. MMF għandu jinvesti biss f'waħda jew iktar mill-kategoriji li ġejjin ta' assi finanzjarji u dejjem bil-kundizzjonijiet speċifikati f'dan ir-Regolament:

(a) strumenti tas-suq monetarju inklużi strumenti finanzjarji maħruġin jew garantiti separatament jew b'mod konġunt mill-Unjoni, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri jew il-banek ċentrali tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' pajjiż terz, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali jew kwalunkwe istituzzjoni jew organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra li għaliha jappartjeni Stat Membru wieħed jew iktar;

(b) titolizzazzjonijiet eliġibbli u karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs);

(c) depożiti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu;

(d) strumenti finanzjarji derivattivi;

(e) ftehimiet ta' riakkwist li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14;

(f) ftehimiet ta' retroriakkwist li jissodisfaw l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15;

(g) unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra.

2. MMF ma għandux iwettaq xi waħda minn dawn l-attivitajiet:

(a) jinvesti f'assi minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) ibigħ bin-nieqes xi wieħed mill-istrumenti li ġejjin: strumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet, ABCPs u unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra;

(c) jieħu skopertura diretta jew indiretta għal ekwità jew komoditajiet, inkluż permezz ta' derivattivi, ċertifikati li jirrappreżentawhom, indiċijiet ibbażati fuqhom, jew xi mezz jew strument ieħor li jagħti xi skopertura għalihom;

(d) jidħol fi ftehimiet ta' għoti b'self ta' titoli jew ftehimiet ta' teħid b'self ta' titoli, jew kwalunkwe ftehim ieħor li jkun ta' piż għall-assi tal-MMF;

(e) jieħu u jagħti b'self flus kontanti.

3. MMF jista' jżomm assi likwidi anċillari f'konformità mal-Artikolu 50(2) tad-Direttiva 2009/65/KE.

*Artikolu 10*

**Strumenti eliġibbli tas-suq monetarju**

1. Strument tas-suq monetarju għandu jkun eliġibbli għal investiment minn MFF dment li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jaqa' f'waħda mill-kategoriji ta' strumenti tas-suq monetarju msemmija fil-punt (a), (b), (c) jew (h) tal-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(b) juri wieħed mill-karatteristiċi alternattivi li ġejjin:

(i) ikollu maturità legali fil-ħruġ ta' 397 jum jew inqas;

(ii) ikollu maturità residwa ta' 397 jum jew inqas;

(c) l-emittent tal-istrument tas-suq monetarju u l-kwalità tal-istrument tas-suq monetarju ikunu ngħataw valutazzjoni favorevoli skont l-Artikoli 19 sa 22;

(d) fejn MMF jinvesti f'titolizzazzjoni jew ABCP, dan ikun soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11.

2. Minkejja l-punt (b) tal-paragrafu 1, MMFs standard għandhom jithallew jinvestu fi strumenti tas-suq monetarju b'maturità residwa sad-data legali tat-tifdija ta' sentejn jew inqas, bil-kundizzjoni li ż-żmien li jifdal sad-data tar-risettjar tar-rata tal-imgħax li jkun imiss ikun ta' 397 jum jew inqas. Għal dak il-għan, l-istrumenti tas-suq monetarju b'rata varjabbli u l-istrumenti tas-suq monetarju b'rata fissa ħheġġjati permezz ta' arranġament ta' tpartit għandhom jirrisettjaw għal rata jew indiċi tas-suq monetarju.

3. Il-punt (c) tal-paragrafu 1 ma għandux japplika għal strumenti tas-suq monetarju maħruġin jew garantiti mill-Unjoni, minn awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' Stat Membru, mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-Bank Ewropew tal-Investiment, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jew mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja.'

*Artikolu 11*

**Titolizzazzjonijiet u ABCPs eliġibbli**

1. Kemm titolizzazzjoni kif ukoll ABCP għandhom jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli għal investiment minn MFF sakemm it-titolizzazzjoni jew l-ABCP ikunu biżżejjed likwidi, irċevew valutazzjoni favorevoli skont l-Artikoli 19 sa 22, u huma waħda minn dawk li ġejjin:

(a) titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([1]);

(b) ABCP maħruġ minn programm ABCP li:

(i) ikun appoġġat b'mod sħiħ minn istituzzjoni ta' kreditu regolata li tkopri l-likwidità, il-kreditu u riskju ta' dilwizzjoni materjali kollha, kif ukoll l-issuktar tal-kostijiet u l-issuktar tal-kostijiet fil-programm kollu tal-ABCP, jekk meħtieġ biex jiggarantixxi l-investitur il-ħlas sħiħ ta' kull ammont skont il-ABCP;

(ii) ma jkunx ritolizzazzjoni u l-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni fil-livell ta' kull tranżazzjoni ABCP ma jinkludu ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(iii) ma jinkludix titolizzazzjoni sintetika kif definita fil-punt (11) tal-Artikolu 242 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) titolizzazzjoni STS jew ABCP li jkunu sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS).

2. MMF għal terminu qasir ta' żmien jista' jinvesti f'titolizzazzjonijiet jew ABCPs imsemmija fil-paragrafu 1 sakemm kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta, kif applikabbli:

(a) il-maturità legali fil-ħruġ tat-titolizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 tkun ta' sentejn jew anqas u ż-żmien li jkun fadal sad-data ffissata li jmiss tar-rata ta' imgħax ikun 397 jum jew inqas;

(b) il-maturità legali fil-ħruġ jew il-maturità residwa ta' titolizzazzjonijiet jew ABCPs imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 tkun 397 jum jew inqas.

(c) it-titolizzazzjonijiet msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 ikunu strumenti ta' amortizzazzjoni u jkollhom WAL ta' sentejn jew inqas.

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

3. MMF standard jista' jinvesti f'titolizzazzjonijiet jew ABCPs imsemmija fil-paragrafu 1 sakemm kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta, kif applikabbli:

(a) il-maturità legali fil-ħruġ jew il-maturità residwa tat-titolizzazzjonijiet u l-ABCPs imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 tkun sentejn jew inqas u ż-żmien li jkun fadal sad-data stabbilita li jmiss tar-rata ta' imgħax tkun 397 jum jew inqas;

(b) it-titolizzazzjonijiet msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 ikunu strumenti ta' amortizzazzjoni u jkollhom WAL ta' sentejn jew inqas.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, sa sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Regolament propost dwar titolizzazzjonijiet STS, att delegat f'konformità mal-Artikolu 45 li jemenda dan l-Artikolu billi jintroduċi referenza għall-kriterji li jidentifikaw titolizzazzjonijiet STS u ABCPs fid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament. L-emenda għandha ssir effettiva l-aktar tard sa' sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat jew mid-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament propost dwar titolizzazzjonijiet STS liema minnhom tkun l-aktar tard.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-kriterji li jidentifikaw it-titolizzazzjonijiet STS u l-ABCPs għandhom jinkludu tal-inqas dan li ġej:

(a) ir-rekwiżiti li jirrigwardaw is-sempliċità tat-titolizzazzjoni, inklużi l-karattru reali tal-bejgħ u r-rispett tal-istandards relatati mas-sottoskrizzjoni tal-iskoperturi;

(b) ir-rekwiżiti relatati mal-istandizzazzjoni tat-titolizzazzjoni, inklużi r-rekwiżiti taż-żamma tar-riskju;

(c) ir-rekwiżiti relatati mat-trasparenza ta' titolizzazzjoni, inkluż l-għoti ta' informazzjoni lil investituri potenzjali;

(d) għall-ABCPs, barra mill-punti (a), (b) u (c), rekwiżiti relatati mal-isponsor u mal-appoġġ tal-isponsor għall-programm tal-ABCP.

*Artikolu 12*

**Depożiti eliġibbli ma' istituzzjonijiet ta' kreditu**

Depożitu ma' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkun eliġibbli għal investiment minn MFF dment li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-depożitu jista' jitħallas lura wara talba jew ikun jista' jiġi prelevat fi kwalunkwe waqt;

(b) id-depożitu jimmatura f'mhux iktar minn 12-il xahar;

(c) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru jew, meta l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'pajjiż terz, hija soġġetta għar-regoli prudenzjali meqjusa ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 107(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 13*

**Strumenti finanzjarji derivattivi eliġibbli**

Strument finanzjarju derivattiv għandu jkun eliġibbli għal investiment minn MMF sakemm huwa nnegozjat f'suq regolat imsemmi fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jew OTC u sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sottostanti tal-istrument derivattiv jikkonsisti f'rati tal-imgħax, rati tal-kambju, muniti jew indiċijiet li jirrappreżentaw waħda minn dawk il-kategoriji;

(b) l-istrument derivattiv jintuża biss għall-fini ta' hedging tar-rata ta' imgħax jew tar-riskji tar-rata tal-kambju inerenti f'investimenti oħrajn tal-MMF;

(c) il-kontropartijiet għat-tranżazzjonijiet derivattivi OTC huma istituzzjonijiet soġġetti għal regolament u superviżjoni prudenzjali u li jappartjenu għall-kategoriji approvati mill-awtorità kompetenti tal-MMF;

(d) id-derivattivi OTC huma soġġetti għal valwazzjoni kredibbli u verifikabbli fuq bażi ta' kuljum u jistgħu jinbiegħu, jiġu likwidati jew jingħalqu permezz ta' tranżazzjoni ta' tpaċija fi kwalunkwe żmien bil-valur ġust tagħhom fuq inizjattiva tal-MMF.

*Artikolu 14*

**Ftehimiet ta' riakkwist eliġibbli**

Ftehim ta' riakkwist għandu jkun eliġibbli sabiex MMF jidħol fih dment li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun użat fuq bażi temporanja. għal mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol, unikament għal skopijiet ta' mmaniġġar ta' likwidità u mhux għal finijiet ta' investiment minbarra dawk imsemmija fil-punt (c);

(b) il-kontroparti li tirċievi l-assi trasferiti mill-MMF bħala kollateral skont il-ftehim ta' riakkwist tkun projbita milli tbigħ, tinvesti, tirhan jew tittrasferixxi b'mod ieħor dawk l-assi mingħajr il-kunsens minn qabel tal-MMF;

(c) il-flus kontanti li jirċievi l-MMF bħala parti mill-ftehim ta' riakkwist jistgħu jkunu:

(i) imqiegħda fuq depożiti f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE; jew

(ii) investiti f'assi msemmija fl-Artikolu 15(6), imma ma jistgħux b'mod ieħor ikunu investiti f'assi eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 9, trasferiti jew b'mod ieħor użati mill-ġdid;

(d) il-flus kontanti riċevuti mill-MMF bħala parti mill-ftehim ta' riakkwist ma jaqbżux l-10 % tal-assi tiegħu;

(e) l-MMF għandu d-dritt itemm il-ftehim fi kwalunkwe ħin wara li jagħti avviż minn qabel ta' mhux aktar minn jumejn ta' xogħol;

*Artikolu 15*

**Ftehimiet ta' retroriakkwist eliġibbli**

1. Ftehim ta' retroriakkwist għandu jkun eliġibbli sabiex MMF jidħol fih dment li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-MMF għandu d-dritt itemm il-ftehim fi kwalunkwe ħin wara li jingħata avviż minn qabel ta' mhux aktar minn jumejn ta' xogħol;

(b) il-valur fis-suq tal-assi riċevuti bħala parti mill-ftehim ta' retroriakkwist huwa fil-ħinijiet kollha tal-inqas daqs il-valur tal-flus kontanti mħallsa.

2. L-assi riċevuti minn MMF bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist għandhom ikunu strumenti tas-suq monetarju li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10.

L-assi riċevuti minn MMF bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist ma għandhomx jinbiegħu, jerġgħu jiġu investiti, mirhuna jew trasferiti b'xi mod ieħor.

3. It-titolizzazzjonijiet u l-ABCPs ma għandhomx ikunu waslu għand MMF bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist.

4. L-assi riċevuti minn MMF bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist għandhom ikunu diversifikati biżżejjed bi skopertura massima għal emittent speċifiku ta' 15 % tan-NAV tal-MMF, ħlief meta dawk l-assi jieħdu l-forma ta' strumenti tas-suq monetarju li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17(7). Barra minn hekk, l-assi riċevuti minn MMF bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist għandhom jinħarġu minn entità li tkun indipendenti mill-kontroparti u mistennija li ma turix korrelazzjoni għolja mal-prestazzjoni tal-kontroparti.

5. MMF li jidħol fi ftehim ta' retroriakkwist għandu jiżgura li jista' jerġa' jieħu lura l-ammont sħiħ ta' flus kontanti fi kwalunkwe ħin jew fuq bażi ta' dħul dovut jew fuq bażi ta' valwazzjoni skont is-suq. Meta l-flus kontanti jkunu jistgħu jinġabru lura fi kwalunkwe ħin fuq bażi ta' valwazzjoni skont is-suq, il-valur tal-valwazzjoni skont is-suq tal-ftehim ta' retroriakkwist għandu jintuża għall-kalkolu tan-NAV tal-MMF.

6. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, MMF jista' jirċievi bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist titoli likwidi trasferibbli jew strumenti tas-suq monetarju minbarra dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 sakemm dawk l-assi jkunu konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu maħruġa jew garantiti mill-Unjoni, awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' Stat Membru, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jew il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja sakemm tkun ġiet riċevuta valutazzjoni favorevoli skont l-Artikoli minn 19 sa 22;

(b) ikunu maħruġa jew iggarantiti minn awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' pajjiż terz, sakemm tkun ġiet riċevuta valutazzjoni favorevoli skont l-Artikoli minn 19 sa 22.

L-assi riċevuti bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu żvelati għall-investituri tal-MMF, f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

L-assi riċevuti bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17(7).

7. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45 biex tissupplementa dan ir-Regolament billi tispeċifika rekwiżiti tal-likwidità kwantitattiva u kwalitattiva applikabbli għal assi msemmija fil-paragrafu 6 u rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għall-kwalità tal-kreditu applikabbli għal assi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

Għal dawk l-għanijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 509(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu sa mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2018.

*Artikolu 16*

**Unitajiet jew ishma eliġibbli tal-MMFs**

1. MMF jista' jakkwista l-unitajiet jew l-ishma ta' kwalunkwe MMF ieħor ("MMF fil-mira") dment li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) mhux aktar minn 10 % tal-assi tal-MMF fil-mira ikunu jistgħu, skont ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu, jiġu investiti b'mod aggregat f'unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra;

(b) l-MMF fil-mira ma jkollux unitajiet jew ishma fl-MMF akkwirent.

MMF li l-unitajiet jew l-ishma tiegħu ġew akkwistati ma għandux jinvesti fl-MMFakkwirent matul il-perjodu li fih l-MMF akkwirent ikollu unitajiet jew ishma fih.

2. MMF jista' jakkwista l-unitajiet jew l-ishma ta' MMFs oħra, sakemm ma jiġux investiti iktar minn 5 % tal-assi tiegħu f'unitajiet jew ishma ta' MMF uniku.

3. MMF jista', bħala aggregat, jinvesti mhux aktar minn 17,5 % tal-assi tiegħu f'unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra.

4. Unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra għandhom ikunu eliġibbli għall-investiment minn MMF sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-MMF fil-mira jkun awtorizzat skont dan ir-Regolament;

([1]) Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1).

(b) fejn l-MMF fil-mira jkun ġestit, kemm jekk direttament jew permezz ta' delega, mill-istess maniġer bħal dak tal-MMF akkwirent jew minn kwalunkwe kumpanija oħra li l-maniġer tal-MMF akkwirent huwa marbut magħha b'ġestjoni jew kontroll komuni, kif ukoll jekk minn parteċipazzjoni sostanzjali diretta jew indiretta, il-maniġer tal-MMF fil-mira, jew dik il-kumpanija l-oħra, huma pprojbiti milli jimponu tariffi ta' sottoskrizzjoni jew tifdija abbażi tal-investiment mill-MMF akkwirent fl-unitajiet jew l-ishma tal-MMF fil-mira;

(c) fejn MMF jinvesti 10 % jew iktar tal-assi tiegħu f'unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra:

(i) il-prospett ta' dak l-MMF jiżvela l-livell massimu tat-tariffi tal-ġestjoni li jistgħu jiġu imposti fuq l-MMF innifsu kif ukoll fuq l-MMFs l-oħra li jinvesti fihom; u

(ii) ir-rapport annwali għandu jindika l-proporzjon massimu ta' tariffi tal-ġestjoni imposti fuq l-MMF innifsu kif ukoll fuq l-MMFs l-oħra li jinvesti fihom.

5. Il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal MMF li jkun AIF awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 5, fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-MMF ikun qed jiġi kummerċjalizzat unikament permezz ta' skema ta' tfaddil għall-impjegati rregolata bil-liġi nazzjonali u li jkollha biss persuni fiżiċi bħala investituri;

(b) l-iskema ta' tfaddil għall-impjegati msemmija fil-punt (a) tippermetti lill-investituri jifdu l-investiment tagħhom biss skont termini ta' tifdija restrittivi li jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, fejn it-tifdijiet jistgħu jsiru biss f'ċerti ċirkustanzi li ma jkunux marbuta ma' żviluppi tas-suq.

B'deroga mill-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, MMF li jkun UCITS awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 4(2) jista' jakkwista unitajiet jew ishma f'MMFs oħra f'konformità mal-Artikolu 55 jew 58 tad-Direttiva 2009/65/KE skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-MMF ikun qed jiġi kummerċjalizzat unikament permezz ta' skema ta' tfaddil għall-impjegati rregolata bil-liġi nazzjonali u li jkollha biss persuni fiżiċi bħala investituri;

(b) l-iskema ta' tfaddil għall-impjegati msemmija fil-punt (a) tippermetti lill-investituri jifdu l-investiment tagħhom biss skont termini ta' tifdija restrittivi li jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, fejn it-tifdijiet jistgħu jsiru biss f'ċerti ċirkustanzi li ma jkunux marbuta ma' żviluppi tas-suq.

6. MMFs għal terminu qasir ta' żmien jistgħu jinvestu biss f'unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra għal terminu qasir ta' żmien.

7. MMFs standard jistgħu jinvestu f'unitajiet jew ishma ta' MMFs għal terminu qasir ta' żmien u f'MMFs standard.

## Taqsima II

## **Dispożizzjonijiet dwar politiki tal-investiment**

### *Artikolu 17*

### **Diversifikazzjoni**

1. MMF għandu jinvesti mhux iktar minn:

(a) 5 % tal-assi tiegħu fi strumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs maħruġin mill-istess korp;

(b) 10 % tal-assi tiegħu f'depożiti mal-istess istituzzjoni ta' kreditu, sakemm l-istruttura tas-settur bankarju fl-Istat Membru li l-MFF ikun domiċiljat fih tkun tali li ma jkunx hemm biżżejjed istituzzjonijiet ta' kreditu vijabbli biex jiġi sodisfatt dak ir-rekwiżit ta' diversifikazzjoni u ma jkunx ekonomikament fattibbli għall-MMF li jagħmel depożiti fi Stat Membru ieħor, f'liema każ sa 15 % tal-assi tiegħu jistgħu jiġu depożitati mal-istess istituzzjoni ta' kreditu.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, VNAV MMF jista' jinvesti mhux aktar minn 10 % tal-assi tiegħu fi strumenti tas-suq monetarju, f'titolizzazzjonijiet u f'ABCPs maħruġa mill-istess korp, sakemm il-valur totali ta' tali strumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs miżmuma mill-VNAV MMF f'kull korp emittenti li jinvesti fih iktar minn 5 % tal-assi tiegħu ma jeċċedix 40 % tal-valur tal-assi tiegħu.

3. Sad-data tal-applikazzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 11(4), l-aggregat tal-iskoperturi kollha ta' MMF għal titolizzazzjonijiet u ABCPs ma għandux jaqbeż 15 % tal-assi tal-MMF.

Sa mid-data tal-applikazzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 11(4), l-aggregat tal-iskoperturi kollha għal titolizzazzjonijiet u ABCPs ta' MMF ma għandux jaqbeż l-20 % tal-assi tal-MMF, li minnhom sa 15 % tal-assi tal-MMF jistgħu jiġu investiti f'titolizzazzjonijiet u ABCPs li ma jikkonformawx mal-kriterji għall-identifikazzjoni ta' titolizzazzjonijiet u ABCPs li jkunu STS.

4. L-iskopertura ta' riskju aggregat għall-istess kontroparti ta' MMF li ġejja minn tranżazzjonijiet derivattivi OTC li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-assi tal-MMF.

5. L-ammont aggregat ta' flus kontanti pprovdut lill-istess kontroparti ta' MMF fi ftehimiet ta' retroriakkwist ma għandux jaqbeż il-15 % tal-assi tal-MMF.

6. Minkejja l-limiti individwali stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4, fejn dan ikun jirriżulta f'investiment ta' iktar minn 15 % tal-assi tiegħu f'korp individwali, MMF ma għandux jikkombina dawn li ġejjin:

(a) investimenti fi strumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs maħruġin minn dak il-korp;

(b) depożiti li saru ma' dak il-korp;

(c) strumenti finanzjarji derivattivi OTC li jġibu skopertura għar-riskju tal-kontroparti lil dak il-korp.

B'deroga mir-rekwiżit ta' diversifikazzjoni previst fl-ewwel subparagrafu, fejn l-istruttura tas-suq finanzjarju fl-Istat Membru fejn l-MFF ikun domiċiljat tkun tali li ma jkunx hemm biżżejjed istituzzjonijiet finanzjarji vijabbli biex jiġi sodisfatt dak ir-rekwiżit ta' diversifikazzjoni u ma jkunx ekonomikament fattibbli għall-MMF li juża istituzzjonijiet finanzjarji fi Stat Membru ieħor, l-MMF jista' jikkombina t-tipi ta' investimenti msemmija fil-punti (a) sa (c) sa investiment massimu ta' 20 % tal-assi tiegħu f'korp uniku.

7. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' MMF tista' tawtorizza lil MMF biex jinvesti, f'konformità mal-prinċipju ta' tifrix tar-riskju, sa 100 % tal-assi tiegħu fi strumenti tas-suq monetarju differenti maħruġin jew garantiti separatament jew b'mod konġunt mill-Unjoni, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri jew mill-banek ċentrali tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' pajjiż terz, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, jew kwalunkwe istituzzjoni jew organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra li għaliha jappartjeni Stat Membru wieħed jew iktar.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss fejn ikunu sodisfatti r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-MMF ikollu strumenti tas-suq monetarju minn tal-inqas sitt ħarġiet differenti mill-emittent;

(b) l-MMF jillimita l-investiment fi strumenti tas-suq monetarju mill-istess ħarġa sa massimu ta' 30 % tal-assi tiegħu;

(c) l-MMF jirriferi b'mod espliċitu, fir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu, għall-amministrazzjonijiet, l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu li joħorġu jew jiggarantixxu separatament jew b'mod konġunt strumenti tas-suq monetarju u li fihom beħsiebu jinvesti iktar minn 5 % tal-assi tiegħu;

(d) l-MMF jinkludi dikjarazzjoni prominenti fil-prospett u l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu fejn jiġbed l-attenzjoni lejn l-użu tad-deroga u jindika l-amministrazzjonijiet, l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu li joħorġu jew jiggarantixxu separatament jew b'mod konġunt strumenti tas-suq monetarju u li fihom beħsiebu jinvesti iktar minn 5 % tal-assi tiegħu.

8. Minkejja l-limiti individwali stabbiliti fil-paragrafu 1, MMF jista' jinvesti mhux aktar minn 10 % tal-assi tiegħu f'bonds maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu unika li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru u hija soġġetta bil-liġi għal superviżjoni pubblika speċjali mfassla biex tipproteġi lid-detenturi ta' bonds. B'mod partikolari, somom li

jirriżultaw mill-ħruġ ta' dawk il-bonds għandhom jiġu investiti f'konformità mal-liġi dwar l-assi li, tul il-perjodu kollu tal-validità tal-bonds, ikunu jistgħu jkopru pretensjonijiet marbuta mal-bonds u li, fil-każ ta' nuqqas min-naħa tal-emittent, ikunu użati fuq bażi ta' prijorità għar-rimbors tal-kapital u l-ħlas tal-imgħax akkumulat.

Fejn MMF jinvesti iktar minn 5 % tal-assi tiegħu fil-bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu maħruġa minn emittent uniku, il-valur totali ta' dawk l-investimenti ma għandux jaqbeż 40 % tal-valur tal-assi tal-MMF.

9. Minkejja l-limiti individwali stabbiliti fil-paragrafu 1, MMF jista' jinvesti mhux iktar minn 20 % tal-assi tiegħu f'bonds maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu unika fejn ikunu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (f) tal-Artikolu 10(1) jew fil-punt (c) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61, fosthom kwalunkwe investiment possibbli fl-assi msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

Fejn MMF jinvesti iktar minn 5 % tal-assi tiegħu fil-bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu maħruġa minn emittent uniku, il-valur totali ta' dawk l-investimenti ma għandux jaqbeż 60 % tal-valur tal-assi tal-MMF, fosthom kwalunkwe investiment possibbli fl-assi msemmija fil-paragrafu 8, fir-rispett tal-limiti stabbiliti fih.

10. Kumpaniji li jkunu inklużi fl-istess grupp għall-finijiet ta' kontijiet konsolidati taħt id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew f'konformità mar-regoli internazzjonali rikonoxxuti dwar il-kontabbiltà, għandhom jitqiesu bħala korp uniku għall-fini ta' kalkolu tal-limiti msemmija fil-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 18*

**Konċentrazzjoni**

1. MMF ma għandux ikollu iktar minn 10 % tal-istrumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs maħruġin minn korp wieħed.

2. Il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għal parteċipazzjonijiet ta' strumenti tas-suq monetarju maħruġin jew garantiti mill-Unjoni, amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri jew il-banek ċentrali tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, awtorità ċentrali jew bank ċentrali ta' pajjiż terz, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, jew kwalunkwe istituzzjoni jew organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra li għaliha jappartjeni Stat Membru wieħed jew iktar.

## Taqsima III

## **Kwalità tal-kreditu ta' strumenti tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs**

*Artikolu 19*

**Proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu**

1. Il-maniġer ta' MMF għandu jistabbilixxi, jimplimenta u japplika b'mod konsistenti proċedura interna prudenti ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu sabiex tiġi determinata l-kwalità tal-kreditu tal-istrumenti tas-suq monetarju, tat-titolizzazzjonijiet u tal-ABCPs, filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-emittent tal-istrument u l-karatteristiċi tal-istrument innifsu.

2. Il-maniġer ta' MMF għandu jiżgura li l-informazzjoni użata meta tiġi applikata l-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tkun ta' kwalità suffiċjenti, aġġornata u minn sorsi affidabbli.

3. Il-proċedura interna ta' valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodoloġiji ta' valutazzjoni prudenti, sistematiċi u kontinwi. Il-metodoloġiji użati għandhom ikunu soġġetti għal validazzjoni mill-maniġer ta' MMF fuq il-bażi ta' esperjenza storika u evidenza empirika, inkluż ittestjar retrospettiv.

([1]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

4. Il-maniġer ta' MMF għandu jiżgura li l-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tikkonforma mal-prinċipji ġenerali kollha li ġejjin:

(a) għandu jiġi stabbilit proċess effettiv biex tinkiseb u tiġi aġġornata informazzjoni rilevanti fuq il-karatteristiċi tal-emittent u tal-istrument;

(b) għandhom jiġu adottati u implimentati miżuri adegwati biex ikun żgurat li l-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu tkun ibbażata fuq analiżi dettaljata tal-informazzjoni li hija disponibbli u pertinenti, u li tinkludi l-fatturi xprunaturi rilevanti kollha li jinfluwenzaw il-kredibbiltà kreditizja tal-emittent u l-kwalità tal-kreditu tal-istrument;

(c) il-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tiġi mmonitorjata fuq bażi kontinwa u l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu kollha għandhom jiġu rieżaminati tal-inqas darba fis-sena;

(d) filwaqt li ma għandu jkun hemm ebda sovradipendenza mekkanistika fuq il-klassifikazzjonijiet esterni f'konformità mal-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, il-maniġer ta' MMF għandu jwettaq valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ġdida għal strument tas-suq monetarju, titolizzazzjonijiet u ABCPs meta jkun hemm bidla materjali li jista' jkollha impatt fuq il-valutazzjoni eżistenti tal-istrument;

(e) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandhom jiġu rieżaminati tal-inqas darba fis-sena mill-maniġer ta' MMF biex jiġi ddeterminat jekk jibqgħux xierqa għall-kundizzjonijiet attwali esterni u tal-portafoll u r-rieżami għandu jiġi trażmess lill-awtorità kompetenti tal-maniġer tal-MMF. Meta l-maniġer tal-MMF isir jaf bi żbalji fil-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu jew fl-applikazzjoni tagħha, għandu jikkoreġi dawk l-iżbalji minnufih;

(f) meta jinbidlu l-metodoloġiji, il-mudelli jew is-suppożizzjonijiet ewlenin użati fil-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, il-maniġer ta' MMF għandu jirrieżamina l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu interni kollha affettwati malajr kemm jista' jkun;

*Artikolu 20*

**Valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu**

1. Il-maniġer ta' MMF għandu japplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 biex jiddetermina jekk il-kwalità tal-kreditu ta' strument tas-suq monetarju, titolizzazzjoni jew ABCP tingħatax valutazzjoni favorevoli. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata u ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tkun ipprovdiet klassifikazzjoni ta' dak l-istrument tas-suq monetarju, il-maniġer tal-MMF jista' jqis tali klassifikazzjonijiet u informazzjoni u analiżi supplementari fil-valutazzjoni interna tiegħu tal-kwalità tal-kreditu, filwaqt li ma jiddependix unikament jew b'mod mekkaniku fuq tali klassifikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

2. Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tqis tal-inqas il-fatturi u l-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-emittent u tar-riskju relattiv ta' inadempjenza tal-emittent u tal-istrument;

(b) indikaturi kwalitattivi dwar l-emittent tal-istrument, anke fid-dawl tas-sitwazzjoni makroekonomika u finanzjarja tas-suq;

(c) in-natura ta' terminu qasir ta' żmien tal-istrumenti tas-suq monetarju;

(d) il-klassi tal-assi tal-istrument;

(e) it-tip ta' emittent li jiddistingwi tal-inqas it-tipi ta' emittenti li ġejjin: amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, korporazzjonijiet finanzjarji, u korporazzjonijiet mhux finanzjarji;

(f) għal strumenti finanzjarji strutturati, ir-riskju operattiv u tal-kontroparti inerenti fit-tranżazzjoni finanzjarja strutturata u, f'każ ta' skopertura għal titolizzazzjonijiet, ir-riskju tal-kreditu tal-emittent, l-istruttura tat-titolizzazzjoni u r-riskju tal-kreditu tal-assi sottostanti;

(g) il-profil tal-likwidità tal-istrument;

Il-maniġer ta' MMF jista', minbarra l-fatturi u l-prinċipji ġenerali msemmija f'dan il-paragrafu, iqis it-twissijiet u l-indikaturi meta jiddetermina l-kwalità tal-kreditu ta' strument tas-suq monetarju msemmi fl-Artikolu 17(7).

*Artikolu 21*

**Dokumentazzjoni**

1. Il-maniġer ta' MMF għandu jiddokumenta l-proċedura interna tiegħu ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu u l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dawn kollha:

(a) id-disinn u d-dettalji operattivi tal-proċedura interna tiegħu ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu b'tali mod li l-awtorità kompetenti tkun tista' tifhem u tevalwa l-adegwatezza ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu;

(b) il-ħsieb għal u l-analiżi li ssostni l-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, kif ukoll l-għażla tal-maniġer ta' MMF ta' kriterji għal, u l-frekwenza ta', ir-rieżami tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu;

(c) il-bidliet ewlenin kollha fil-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, inkluża l-identifikazzjoni tal-ixkattaturi ta' tali bidliet;

(d) l-organizzazzjoni tal-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu u l-istruttura interna ta' kontroll;

(e) l-informazzjoni interna sħiħa tal-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu dwar l-istrumenti, l-emittenti u, fejn rilevanti, il-garanti rikonoxxuti;

(f) il-persuna jew persuni responsabbli għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

2. Il-maniġer ta' MMF għandu jżomm id-dokumentazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għal mill-inqas tliet perjodi ta' kontabilità annwali kompleti.

3. Il-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tiġi dettaljata fir-regoli tal-fond jew ir-regoli ta' inkorporazzjoni tal-MMF u d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-MMFs u lill-awtoritajiet kompetenti tal-maniġer tal-MMF.

*Artikolu 22*

**Atti delegati għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu**

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tispeċifika dawn il-punti li ġejjin:

(a) il-kriterji għall-validazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, kif imsemmija fl-Artikolu 19(3);

(b) il-kriterji għall-kwantifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu, u tar-riskju relattiv ta' inadempjenza ta' emittent u tal-istrument, kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 20(2);

(c) il-kriterji għall-istabbiliment tal-indikaturi kwalitattivi dwar l-emittent tal-istrument, kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 20(2);

(d) it-tifsira ta' bidla materjali kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 19(4).

*Artikolu 23*

**Governanza tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu**

1. Il-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tiġi approvata mill-maniġment superjuri, il-korp governattiv, u, fejn tkun teżisti, il-funzjoni superviżorja tal-maniġer ta' MMF.

Dawk il-partijiet għandu jkollhom fehim tajjeb tal-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu u tal-metodoloġiji applikati mill-maniġer ta' MMF, kif ukoll fehim dettaljat tar-rapporti assoċjati.

2. Il-maniġer ta' MMF għandu jirrapporta lill-partijiet imsemmija fil-paragrafu 1 dwar il-profil ta' riskju ta' kreditu tal-MMF, abbażi ta' analiżi tal-valutazzjonijiet interni tal-kwalità tal-kreditu tal-MMF. Il-frekwenzi tar-rapportar għandhom jiddependu fuq l-importanza u t-tip ta' informazzjoni u tal-inqas ir-rapportar isir darba fis-sena.

3. Fuq bażi kontinwa, il-maniġment superjuri għandu jara li l-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu qed taħdem kif suppost.

Il-maniġment superjuri għandu jiġi mgħarraf b'mod regolari dwar kif sejrin il-proċeduri interni ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, l-oqsma fejn instabu nuqqasijiet, u l-qagħda tal-isforzi u l-azzjonijiet meħuda biex jittejbu nuqqasijiet identifikati qabel.

4. Il-valutazzjonijiet interni tal-kwalità tal-kreditu u r-rieżamijiet perjodiċi tagħhom mill-maniġer ta' MMF ma għandhomx jitwettqu mill-persuni inkarigati jew responsabbli mill-ġestjoni tal-portafoll ta' MMF.

*KAPITOLU III*

***Obbligi li jikkonċernaw l-immaniġġjar tar-riskji tal-MMFs***

*Artikolu 24*

**Regoli tal-portafoll għall-MMFs għal terminu qasir ta' żmien**

1. MMF għal terminu qasir ta' żmien għandu jikkonforma fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti kollha li ġejjin tal-portafoll:

(a) il-portafoll tiegħu għandu jkollu WAM ta' mhux iktar minn 60 jum;

(b) il-portafoll tiegħu għandu jkollu WAL ta' mhux iktar minn 120 jum, soġġett għat-tieni u t-tielet subparagrafi;

(c) għall-LVNAV MMFs u s-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku, tal-inqas 10 % tal-assi tagħhom għandhom ikunu msawra minn assi li jimmaturaw kuljum, ftehimiet ta' retroriakkwist li jkunu jistgħu jiġu tterminati bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol jew flus kontanti li jkunu jistgħu jiġu miġbuda bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol. LVNAV MMF jew CNAV MMF ta' dejn pubbliku ma għandux jakkwista assi oħra għajr assi li jimmaturaw kuljum meta t-tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 10 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kuljum;

(d) għal VNAV MMF għal terminu qasir ta' żmien, tal-inqas 7,5 % tal-assi tiegħu għandhom jikkonsistu minn assi li jimmaturaw kuljum, ftehimiet ta' retroriakkwist li jkunu jistgħu jiġu tterminati bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol, jew flus kontanti li jkunu jistgħu jinġibdu, bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol. VNAV MMF għal terminu qasir ta' żmien ma għandux jakkwista assi oħra għajr assi li jimmaturaw kuljum meta tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 7,5 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kuljum;

(e) għal LVNAV MMFs u CNAV MMFs ta' dejn pubbliku, tal-inqas 30 % tal-assi tagħhom għandhom ikunu jikkonsistu minn assi li jimmaturaw kull ġimgħa, ftehimiet ta' retroriakkwist li jkunu jistgħu jiġu tterminati bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' ħamest ijiem ta' xogħol jew flus kontanti li jkunu jistgħu jiġu miġbuda bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' ħamest ijiem ta' xogħol. LVNAV MMF jew CNAV MMF ta' dejn pubbliku ma għandux jakkwista assi oħra għajr assi li jimmaturaw kull ġimgħa meta tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 30 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kull ġimgħa;

(f) għal VNAV MMF għal terminu qasir ta' żmien, tal-inqas 15 % tal-assi tiegħu għandhom jikkonsistu minn assi li jimmaturaw kull ġimgħa, ftehimiet ta' retroriakkwist li jkunu jistgħu jiġu tterminati bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' ħamest ijiem ta' xogħol, jew flus kontanti li jkunu jistgħu jinġiġbdu bl-għoti ta' avviż minn qabel ta' ħamest ijem ta' xogħol. VNAV MMF għal terminu qasir ta' żmien ma għandux jakkwista assi oħra għajr assi li jimmaturaw kull ġimgħa meta tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 15 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kull ġimgħa;

(g) għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt (e), assi msemmija fl-Artikolu 17(7) li huma likwidi ħafna u jistgħu jinfdew u jiġu saldati fi żmien jum ta' xogħol u għandhom maturità residwa ta' mhux aktar minn 190 jum jistgħu jiġu inklużi fl-assi li jimmaturaw kull ġimgħa ta' LVNAV MMF u CNAV MMF ta' dejn pubbliku, sal-limitu ta' 17,5 % tal-assi tiegħu;

(h) għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt (f), strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra jistgħu jiġu inklużi fl-assi li jimmaturaw kull ġimgħa ta' VNAV MMF għal terminu qasir ta' żmien sal-limitu ta' 7,5 % tal-assi tiegħu sakemm ikunu jistgħu jinfdew u jiġu saldati fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, meta jiġi kkalkolat il-WAL għat-titoli, inklużi l-istrumenti finanzjarji strutturati, MMF għal terminu qasir ta' żmien għandu jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq il-maturità residwa sat-tifdija legali tal-istrumenti. Madankollu, f'każ li strument finanzjarju jintegra opzjoni put, MMF għal terminu qasir ta' żmien jista' jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq id-data tal-eżerċitar tal-opzjoni put minflok fuq il-maturità residwa, iżda biss jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin f'kull ħin:

(i) l-opzjoni put tista' tiġi eżerċitata liberament mill-MMF għal terminu qasir ta' żmien fid-data tal-eżerċitar tagħha;

(ii) il-prezz tal-eżerċitar tal-opzjoni put jibqa' viċin il-valur mistenni tal-istrument fid-data tal-eżerċitar;

(iii) l-istrateġija ta' investiment tal-MMF għal terminu qasir ta' żmien timplika li hemm probabbiltà għolja li l-opzjoni tiġi eżerċitata fid-data tal-eżerċitar.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, meta jiġi kkalkolat il-WAL għal titolizzazzjonijiet u ABCPs, MMF għal terminu qasir ta' żmien minflok jista', fil-każ ta' strumenti ta' amortizzazzjoni, jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) il-profil ta' amortizzazzjoni kuntrattwali ta' tali strumenti;

(ii) il-profil ta' amortizzazzjoni tal-assi sottostanti li minnhom jirriżultaw il-flussi ta' flus kontanti għat-tifdija ta' tali strumenti.

2. Jekk il-limiti msemmija f'dan l-Artikolu jinqabżu għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll ta' MMF, jew b'riżultat tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' sottoskrizzjoni jew tifdija, dak l-MMF għandu jadotta bħala objettiv prijoritarju il-korrezzjoni ta' dik is-sitwazzjoni, b'kont meħud tal-interessi tad-detenturi tal-unitajiet tiegħu jew tal-azzjonisti tiegħu.

3. L-MMFs kollha msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu jieħdu l-forma ta' MMF għal terminu qasir ta' żmien.

*Artikolu 25*

**Regoli tal-portafoll għall-MMFs standard**

1. MMF standard għandu jikkonforma fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-portafoll tiegħu għandu jkollu l-ħin kollu WAM ta' mhux iktar minn sitt xhur;

(b) il-portafoll tiegħu għandu jkollu l-ħin kollu WAL ta' mhux iktar minn 12-il xahar, soġġett għat-tieni u t-tielet subparagrafi;

(c) tal-inqas 7,5 % tal-assi tiegħu għandhom ikunu msawra minn assi li jimmaturaw kuljum, ftehimiet ta' retroriakkwist li jistgħu jiġu tterminati b'avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol jew flus kontanti li jistgħu jiġu miġbuda b'avviż minn qabel ta' jum ta' xogħol. MMF standard ma għandux jakkwista assi għajr assi li jimmatura kuljum meta tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 7,5 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kuljum;

(d) tal-inqas 15 % tal-assi tiegħu għandhom ikunu msawra minn assi li jimmaturaw kuljum, ftehimiet ta' retroriakkwist li jistgħu jiġu tterminati b'avviż minn qabel ta' ħamest ijiem ta' xogħol jew flus kontanti li jistgħu jiġu miġbuda b'avviż minn qabel ta' ħamest ijiem ta' xogħol. MMF standard ma għandux jakkwista assi għajr assi li jimmaturaw kull ġimgħa meta tali akkwiżizzjoni twassal biex dak l-MMF jinvesti inqas minn 15 % tal-portafoll tiegħu f'assi li jimmaturaw kull ġimgħa;

(e) għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt (d), strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet jew ishma ta' MMFs oħra jistgħu jiġu inklużi fl-assi li jimmaturaw kull ġimgħa sa 7,5 % tal-assi tiegħu sakemm ikunu jistgħu jinfdew u jiġu saldati fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, meta jiġi kkalkolat il-WAL għat-titoli, inklużi l-istrumenti finanzjarji strutturati, MMF standard għandu jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq il-maturità residwa sat-tifdija legali tal-istrumenti. Madankollu, f'każ li strument finanzjarju jintegra opzjoni put, MMF standard jista' jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq id-data tal-eżerċitar tal-opzjoni put minflok fuq il-maturità residwa, iżda biss jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin f'kull ħin:

(i) l-opzjoni put tista' tiġi eżerċitata liberament mill-MMF standard fid-data tal-eżerċitar tagħha;

(ii) il-prezz tal-eżerċitar tal-opzjoni put jibqa' viċin il-valur mistenni tal-istrument fid-data tal-eżerċitar;

(iii) l-istrateġija ta' investiment tal-MMF standard timplika li hemm probabbiltà għolja li l-opzjoni tiġi eżerċitata fid-data tal-eżerċitar.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, meta jiġi kkalkolat il-WAL għal titolizzazzjonijiet u ABCPs, MMF standard minflok jista', fil-każ ta' strumenti ta' amortizzazzjoni, jibbaża l-kalkolu tal-maturità fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) il-profil ta' amortizzazzjoni kuntrattwali ta' tali strumenti;

(ii) il-profil ta' amortizzazzjoni tal-assi sottostanti li minnhom jirriżultaw il-flussi ta' flus kontanti għat-tifdija ta' tali strumenti.

2. Jekk il-limiti msemmija f'dan l-Artikolu jinqabżu għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll ta' MMF standard, jew b'riżultat tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' sottoskrizzjoni jew tifdija, dak l-MMF għandu jadotta bħala objettiv prijoritarju l-korrezzjoni ta' dik is-sitwazzjoni, b'kont meħud tal-interessi tad-detenturi tal-unitajiet tiegħu jew tal-azzjonisti tiegħu.

3. MMF standard ma għandux jieħu s-sura ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew ta' LVNAV MMF.

*Artikolu 26*

**Klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-MMF**

MMF li jissolleċita jew jiffinanzja klassifikazzjoni tal-kreditu esterna għandu jagħmel dan f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. L-MMF jew il-maniġer tal-MMF għandu jindika b'mod ċar fil-prospett tal-MMF, u f'kull komunikazzjoni lill-investituri li fiha tissemma l-klassifikazzjoni tal-kreditu esterna, li l-klassifikazzjoni ġiet solleċitata jew iffinanzjata mill-MMF jew mill-maniġer tal-MMF.

*Artikolu 27*

**Il-politika "Kun af il-klijent"**

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit aktar strett stipulat fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), il-maniġer ta' MMF għandu jistabbilixxi, jimplimenta u japplika proċeduri u jeżerċita d-diliġenza dovuta kollha bil-għan li jantiċipa l-effett ta' tifdijiet simultanji minn bosta investituri, b'kont meħud tal-inqas tat-tip ta' investitur, in-numru ta' unitajiet jew ta' ishma fil-fond proprjetà ta' investitur uniku u l-evoluzzjoni tal-flussi 'l ġewwa u 'l barra.

2. Jekk il-valur tal-unitajiet jew l-ishma miżmuma minn investitur uniku jeċċedi l-ammont tar-rekwiżit korrispondenti ta' likwidità ta' kuljum ta' MMF, il-maniġer tal-MMF għandu jqis, minbarra l-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 1, dawn kollha:

(a) xejriet identifikabbli fil-ħtiġijiet ta' flus kontanti tal-investitur, inkluża l-evoluzzjoni ċiklika tan-numru ta' ishma fl-MMF;

([1]) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(b) l-averżjoni għar-riskju tal-investituri differenti;

(c) il-grad ta' korrelazzjoni jew rabtiet mill-qrib bejn investituri differenti fl-MMF.

3. Fejn l-investituri jgħaddu l-investimenti tagħhom permezz ta' intermedjarju, il-maniġer ta' MMF għandu jitlob l-informazzjoni biex jikkonforma mal-paragrafi 1 u 2 mingħand l-intermedjarju sabiex jimmaniġġja b'mod xieraq il-likwidità u l-konċentrazzjoni tal-investitur tal-MMF.

4. Il-maniġer ta' MMF għandu jiżgura li l-valur tal-unitajiet jew ishma miżmuma minn investitur uniku ma jkollux impatt materjali fuq il-profil tal-likwidità tal-MMF fejn dan jirrappreżenta parti sostanzjali min-NAV totali tal-MMF.

*Artikolu 28*

**Ittestjar tal-istress**

1. Kull MMF għandu jkollu fis-seħħ proċessi sodi ta' ttestjar tal-istress li jidentifikaw avvenimenti jew bidliet possibbli fil-ġejjieni fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li jistgħu jħallu effetti mhux favorevoli fuq l-MMF. L-MMF jew il-maniġer ta' MMF għandu jivvaluta l-impatt possibbli li dawk l-avvenimenti jew il-bidliet jista' jkollhom fuq l-MMF. L-MFF jew il-maniġer ta' MMF għandu jwettaq b'mod regolari testijiet tal-istress għal xenarji possibbli differenti.

It-testijiet tal-istress għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u jqisu l-effetti ta' xenarji plawsibbli severi. Ix-xenarji ta' testijiet tal-istress għandhom tal-inqas jieħdu f'kunsiderazzjoni l-parametri ta' referenza li jinkludu l-fatturi li ġejjin:

(a) bidliet ipotetiċi fil-livell ta' likwidità tal-assi miżmuma fil-portafoll tal-MMF;

(b) bidliet ipotetiċi fil-livell ta' riskju ta' kreditu tal-assi miżmuma fil-portafoll tal-MMF, inklużi eventi ta' kreditu u eventi ta' klassifikazzjoni;

(c) ċaqliq ipotetiku tar-rati tal-imgħax u tar-rati tal-kambju;

(d) livelli ipotetiċi ta' tifdija;

(e) twessigħ jew tidjiq ipotetiku tal-firxiet fost l-indiċijiet li magħhom huma marbutin ir-rati tal-imgħax tat-titoli ta' portafoll;

(f) xokkijiet makrosistemiċi ipotetiċi li jaffettwaw l-ekonomija ġenerali.

2. Barra minn hekk, fil-każ ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u LVNAV MMFs, it-testijiet tal-istress għandhom jagħtu stima fix-xenarji differenti tad-differenza bejn in-NAV kostanti għal kull unità jew sehem u n-NAV għal kull unità jew sehem.

3. It-testijiet tal-istress għandhom isiru bi frekwenza determinata mill-bord tad-diretturi tal-MMF, meta jkun applikabbli, jew mill-bord tad-diretturi tal-maniġer ta' MMF, wara li jiġi kkunsidrat x'inhu intervall xieraq u raġonevoli fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq u wara li tiġi kkunsidrata kwalunkwe bidla prevista fil-portafoll tal-MMF. Din il-frekwenza għandha tkun tal-inqas darbtejn fis-sena.

4. Fejn it-test tal-istress jiżvela xi vulnerabbiltà tal-MMF, il-maniġer ta' MMF għandu jħejji rapport estensiv bir-riżultati tat-testijiet tal-istress u proposta ta' pjan ta' azzjoni.

Fejn ikun meħtieġ, il-maniġer ta' MMF għandu jieħu azzjoni biex isaħħaħ ir-robustezza tal-MMF, inklużi azzjonijiet li jsaħħu l-likwidità jew il-kwalità tal-assi tal-MMF u għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-MMF dwar il-miżuri meħuda.

5. Ir-rapport estensiv bir-riżultati tat-testijiet tal-istress u l-proposta ta' pjan ta' azzjoni għandhom jiġu ppreżentati għal analiżi lill-bord tad-diretturi tal-MMF, fejn applikabbli, jew lill-bord tad-diretturi tal-maniġer ta' MMF. Il-bord tad-diretturi għandu jemenda l-pjan ta' azzjoni propost jekk ikun hemm bżonn, u japprova l-pjan ta' azzjoni finali. Ir-rapport estensiv u l-pjan ta' azzjoni għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

Ir-rapport estensiv u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti tal-MMF għal rieżami.

6. L-awtorità kompetenti tal-MMF għandha tibgħat ir-rapport estensiv imsemmi fil-paragrafu 5 lill-ESMA.

7. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw il-parametri referenzjarji komuni tax-xenarji tat-testijiet ta' stress li għandhom jiġu inklużi fit-testijiet tal-istress filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi speċifikati fil-paragrafu 1. Il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati tal-inqas kull sena filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aħħar żviluppi tas-suq.

*KAPITOLU IV*

***Regoli ta' valwazzjoni***

*Artikolu 29*

**Valwazzjoni tal-MMFs**

1. L-assi ta' MMF għandhom jiġu vvalwati mill-inqas fuq bażi ta' kuljum.

2. L-assi ta' MMF għandhom jiġu vvalwati bl-użu tal-valwazzjoni skont is-suq kull meta possibbli.

3. Meta tintuża l-valwazzjoni skont is-suq:

(a) l-assi ta' MMF għandu jiġi vvalwat mil-lat l-aktar prudenti ta' offerta sakemm l-assi jkun jista' jiġi kkwotat bi prezz medju;

(b) għandha tintuża biss dejta ta' kwalità tajba dwar is-suq; tali data għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-fatturi kollha li ġejjin:

(i) in-numru u l-kwalità tal-kontropartijiet;

(ii) il-volum u l-introjtu ta' dak l-assi tal-MMF fis-suq;

(iii) id-daqs tal-ħruġ u l-porzjon tal-ħruġ li jippjana li jixtri jew ibigħ l-MMF.

4. Fejn l-użu tal-valwazzjoni skont is-suq ma jkunx possibbli jew id-dejta dwar is-suq ma tkunx ta' kwalità suffiċjenti, l-assi ta' MMF għandu jiġi vvalwat b'mod konservattiv bl-użu tal-valwazzjoni skont mudell.

Il-mudell għandu jistma b'mod eżatt il-valur intrinsiku tal-assi ta' MMF, fuq il-bażi tal-fatturi ewlenin aġġornati kollha li ġejjin:

(a) il-volum u l-introjtu ta' dak l-assi fis-suq;

(b) id-daqs tal-ħruġ u l-porzjon tal-ħruġ li jippjana li jixtri jew ibigħ l-MMF;

(c) ir-riskju tas-suq, ir-riskju tar-rata tal-imgħax u r-riskju tal-kreditu marbut mal-assi.

Meta tintuża l-valwazzjoni skont mudell, ma għandux jintuża l-metodu ta' kost amortizzat.

5. Valwazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 6 u 7 għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti.

6. Minkejja il-paragrafi 2, 3 u 4, l-assi ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku jistgħu addizzjonalment jiġu vvalwati wkoll bl-użu tal-metodu ta' kost amortizzat.

7. B'deroga mill-paragrafi 2 u 4, minbarra l-valwazzjoni skont is-suq imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 u l-valwazzjoni skont mudell imsemmija fil-paragrafu 4, l-assi ta' LVNAV MMFs li għandhom maturità residwa ta' mhux aktar minn 75 jum jistgħu jiġu vvalwati bl-użu tal-metodu ta' kost amortizzat.

Il-metodu ta' kost amortizzat għandu jintuża biss biex jiġi vvalwat assi ta' LVNAV MMF f'ċirkustanzi fejn il-prezz tal-assi kkalkolat f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4 ma jiddevjax mill-prezz ta' dak l-ass ikkalkolat f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'aktar minn 10 punti bażi. F'każ ta' tali devjazzjoni, il-prezz ta' dak l-assi għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4.

*Artikolu 30*

**Kalkolu tan-NAV għal kull unità jew sehem**

1. MMF għandu jikkalkola NAV għal kull unità jew sehem bħala d-differenza bejn is-somma tal-assi kollha tal-MMF u s-somma tal-obbligazzjonijiet kollha tal-MMF ivvalwati f'konformità mal-valwazzjoni skont is-suq jew mal-valwazzjoni skont mudell, jew it-tnejn, diviża bin-numru ta' unitajiet jew ishma pendenti tal-MMF.

2. In-NAV għal kull unità jew sehem għandu jiġi arrotondat għall-eqreb punt bażi jew l-ekwivalenti tiegħu meta n-NAV jiġi ppubblikat f'unità monetarja.

3. In-NAV għal kull unità jew sehem ta' MMF għandu jiġi kkalkolat u ppubblikat mill-inqas kuljum fit-taqsima pubblika tas-sit web tal-MMF.

*Artikolu 31*

**Kalkolu tan-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku**

1. CNAV MMF ta' dejn pubbliku għandu jikkalkula NAV kostanti għal kull unità jew sehem bħala d-differenza bejn is-somma tal-assi kollha tiegħu vvalwati f'konformità mal-metodu ta' kost amortizzat, kif previst fl-Artikolu 29(6), u s-somma tal-obbligazzjonijiet kollha tiegħu, diviża bin-numru ta' unitajiet jew ishma pendenti tiegħu.

2. In-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku għandu jiġi arrotondat għall-eqreb punt perċentwali jew l-ekwivalenti tiegħu meta n-NAV kostanti jiġi ppubblikat f'unità tal-valuta.

3. In-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku għandu jiġi kkalkolat mill-inqas kuljum.

4. Id-differenza bejn in-NAV kostanti għal kull unità jew sehem u n-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 30 għandha tiġi ssorveljata u ppubblikata kuljum fit-taqsima pubblika tas-sit web tal-MMF.

*Artikolu 32*

**Kalkolu tan-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' LVNAV MMFs**

1. LVNAV MMF għandu jikkalkula NAV kostanti għal kull unità jew sehem bħala d-differenza bejn is-somma tal-assi kollha tiegħu vvalwati f'konformità mal-metodu ta' kost amortizzat kif speċifikat fl-Artikolu 29(7), u s-somma tal-obbligazzjonijiet kollha tiegħu, diviża bin-numru tal-unitajiet jew l-ishma pendenti tiegħu.

2. In-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' LVNAV MMF għandu jiġi arrotondat għall-eqreb punt perċentwali jew l-ekwivalenti tiegħu meta n-NAV kostanti jiġi ppubblikat f'unità tal-valuta.

3. In-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ta' LVNAV MMF għandu jiġi kkalkolat mill-inqas kuljum.

4. Id-differenza bejn in-NAV kostanti għal kull unità jew sehem u n-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 30 għandha tiġi ssorveljata u ppubblikata kuljum fit-taqsima pubblika tas-sit web tal-MMF.

*Artikolu 33*

**Prezz tal-ħruġ u tat-tifdija**

1. L-unitajiet jew l-ishma ta' MMF għandhom jinħarġu jew jinfdew bi prezz li jkun ugwali għan-NAV tal-MMF għal kull unità jew sehem, minkejja t-tariffi jew l-imposti permessi speċifikati fil-prospett tal-MMF.

2. B'deroga mill-paragrafu 1:

(a) l-unitajiet jew l-ishma ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku jistgħu jinħarġu jew jinfdew bi prezz li jkun ugwali għan-NAV kostanti tal-MMF għal kull unità jew sehem;

(b) l-unitajiet jew l-ishma ta' LVNAV MMF jistgħu jinħarġu jew jinfdew bi prezz li jkun ugwali għan-NAV kostanti ta' dak l-MMF għal kull unità jew sehem, iżda biss meta n-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 32(1), (2) u (3) ma jiddevjax min-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 30 b'aktar minn 20 punt bażi.

Fir-rigward tal-punt (b), meta n-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 32(1), (2) u (3) jiddevja min-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformitá mal-Artikolu 30 b'aktar minn 20 punt bażi, it-tifdija jew is-sottoskrizzjoni konsegwenti għandhom isiru bi prezz li jkun ugwali għan-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 30.

L-investituri potenzjali, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, għandhom jiġu mgħarrfa b'mod ċar bil-miktub mill-maniġer ta' MMF biċ-ċirkustanzi li fihom LVNAV MMF ma jibqax jifdi jew jissottoskrivi b'NAV kostanti għal kull unità jew sehem.

*KAPITOLU V*

***Rekwiżiti speċifiċi għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u LVNAV MMFs***

*Artikolu 34*

**Rekwiżiti speċifiċi għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u LVNAV MMFs**

1. Il-maniġer ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew ta' LVNAV MMF għandu jistabbilixxi, jimplimenta u japplika b'mod konsistenti proċeduri ta' ġestjoni tal-likwidità prudenti u rigorużi biex jiżgura l-konformità mas-solli ta' likwidità ta' kull ġimgħa applikabbli għal tali fondi. Il-proċeduri ta' ġestjoni tal-likwidità għandhom jiġu deskritti b'mod ċar fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fond, kif ukoll fil-prospett.

Biex tkun żgurata l-konformità mas-solli ta' likwidità ta' kull ġimgħa, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) kull meta l-proporzjon ta' assi li jimmaturaw kull ġimgħa kif stabbilit fil-punt (e) tal-Artikolu 24(1) jaqa' taħt it-30 % tal-assi totali tas-CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew tal-LVNAV MMF u t-tifdijiet netti ta' kuljum f'jum wieħed ta' xogħol jaqbżu l-10 % tal-assi totali, il-maniġer tas-CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew tal-LVNAV MMF għandu jinforma minnufih lill-bord tiegħu b'dan u l-bord għandu jwettaq valutazzjoni dokumentata tas-sitwazzjoni biex jiddetermina l-azzjoni xierqa li għandha tittieħed b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-investituri, u għandu jiddeċiedi jekk japplikax waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

   (i) tariffi ta' likwidità fuq tifdijiet li jirriflettu b'mod adegwat il-kost għall-MMF biex jikseb il-likwidità u jiżgura li l-investituri li jibqgħu fil-fond ma jiġux żvantaġġati b'mod inġust meta investituri oħra jifdu l-unitajiet jew l-ishma tagħhom matul il-perjodu;

   (ii) limiti ta' tifdija li jillimitaw l-ammont ta' ishma jew unitajiet li għandhom jinfdew fi kwalunkwe jum wieħed ta' xogħol sa massimnu ta' 10 % tal-ishma jew tal-unitajiet fl-MMF għal kwalunkwe perjodu sa 15-il jum ta' xogħol;

   (iii) sospensjoni tat-tifdijiet għal kwalunkwe perjodu sa 15-il jum ta' xogħol; jew

   (iv) ma tittieħed l-ebda azzjoni immedjata oħra għajr l-adempiment tal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 24(2);

(b) kull meta l-proporzjon ta' assi li jimmaturaw kull ġimgħa kif stabbilit fil-punt (e) tal-Artikolu 24(1) jaqa' taħt l-10 % tal-assi totali tiegħu, il-maniġer ta' CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew ta' LVNAV MMF għandu jinforma minnufih lill-bord tiegħu b'dan u l-bord għandu jwettaq valutazzjoni dokumentata tas-sitwazzjoni u, abbażi ta' tali valutazzjoni u b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-investituri, għandu japplika waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin u jiddokumenta r-raġunijiet għall-għażla tagħha:

   (i) tariffi ta' likwidità fuq tifdijiet li jirriflettu b'mod adegwat il-kost għall-MMF biex jikseb il-likwidità u jiżgura li l-investituri li jibqgħu fil-fond ma jiġux żvantaġġati b'mod inġust meta investituri oħra jifdu l-unitajiet jew l-ishma tagħhom matul il-perjodu;

   (ii) sospensjoni tat-tifdijiet għal perjodu ta' mhux aktar minn 15-il jum ta' xogħol.

2. Meta, fi żmien perjodu ta' 90 jum, id-durata totali tas-sospensjonijiet teċċedi 15-il jum, CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew LVNAV MMF għandu awtomatikament jieqaf milli jkun CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew LVNAV MMF. Is-CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew l-LVNAV MMF għandu jinforma minnufih lil kull investitur b'dan bil-miktub b'mod ċar u li jinftiehem.

3. Wara li l-bord tas-CNAV MMF ta' dejn pubbliku jew tal-LVNAV MMF ikun iddetermina x'azzjoni se jieħu fir-rigward kemm tal-punt (a) kif ukoll tal-punt (b) tal-paragrafu 1, hu għandu jipprovdi dettalji fil-pront dwar id-deċiżjoni tiegħu lill-awtorità kompetenti ta' dak l-MMF.

*KAPITOLU VI*

***Appoġġ estern***

*Artikolu 35*

**Appoġġ estern**

1. MMF ma għandux jirċievi appoġġ estern.

2. Appoġġ estern tfisser appoġġ dirett jew indirett offrut lil MMF minn parti terza, inkluż sponsor tal-MMF, li huwa intiż għal jew li effettivament jirriżulta fil-garanzija tal-likwidità tal-MMF jew fl-istabbilizzazzjoni tan-NAV għal kull unità jew sehem tal-MMF.

L-appoġġ estern għandu jinkludi:

(a) injezzjonijiet ta' flus kontanti minn parti terza;

(b) ix-xiri minn parti terza tal-assi tal-MMF bi prezz esaġerat;

(c) ix-xiri minn parti terza tal-unitajiet jew l-ishma tal-MMF sabiex tiġi pprovduta likwidità lill-fond;

(d) il-ħruġ minn parti terza ta' kwalunkwe tip ta' garanzija, assigurazzjoni jew ittra ta' appoġġ impliċita jew espliċita għall-benefiċċju tal-MMF;

(e) kwalunkwe azzjoni minn parti terza, li l-objettiv dirett jew indirett tagħha huwa li żżomm il-profil tal-likwidità u n-NAV għal kull unità jew sehem tal-MMF.

*KAPITOLU VII*

***Rekwiżiti tat-trasparenza***

*Artikolu 36*

**Trasparenza**

1. MMF għandu jindika b'mod ċar liema tip ta' MMF huwa taħt l-Artikolu 3(1) u jekk huwiex MMF għal terminu qasir ta' żmien jew standard fi kwalunkwe dokument estern, rapport, stqarrija, reklam, ittra jew kwalunkwe evidenza oħra bil-miktub maħruġa minnu jew mill-maniġer tiegħu, indirizzati jew intiżi biex jitqassmu lill-investituri prospettivi, lid-detenturi tal-unitajiet, jew lill-azzjonisti.

2. Il-maniġer ta' MMF, tal-inqas darba fil-ġimgħa, għandu jagħmel l-informazzjoni kollha li ġejja disponibbli għall-investituri tal-MMF:

(a) l-analiżi skont il-maturità tal-portafoll tal-MMF;

(b) il-profil tal-kreditu tal-MMF;

(c) il-WAM u l-WAL tal-MMF;

(d) id-dettalji tal-akbar 10 parteċipazzjonijiet fl-MMF, inklużi l-isem, il-pajjiż, il-maturità u t-tip ta' assi, u l-kontroparti f'każ ta' ftehimiet ta' riakkwist u retroriakkwist;

(e) il-valur totali tal-assi tal-MMF;

(f) ir-rendiment nett tal-MMF.

3. Kwalunkwe dokument ta' MMF użat għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jinkludi b'mod ċar id-dikjarazzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) li l-MMF mhuwiex investiment garantit;

(b) li investiment f'MMFs huwa differenti minn investiment f'depożiti, b'referenza partikolari għar-riskju li l-kapital investit f'MMF kapaċi jvarja;

(c) li l-MMF ma jiddependix fuq appoġġ estern għall-garanzija tal-likwidità tal-MMF jew għall-istabbilizzazzjoni tan-NAV għal kull unità jew sehem;

(d) li r-riskju ta' telf tal-kapital għandu jinġarr mill-investitur.

4. Ebda komunikazzjoni mill-MMF jew mill-maniġer ta' MMF lill-investituri jew lill-investituri potenzjali ma għandha b'xi mod tissuġġerixxi li investiment fl-unitajiet jew fl-ishma tal-MMF huwa garantit.

5. L-investituri f'MMF għandhom jiġu informati b'mod ċar dwar il-metodu jew il-metodi użati mill-MMF sabiex jivvaluta l-assi tal-MMF u jikkalkula n-NAV.

CNAV MMFsta' dejn pubbliku u LVNAV MMFs għandhom jispjegaw b'mod ċar lill-investituri u lill-investituri potenzjali kwalunkwe użu tal-metodu ta' kost amortizzat jew tal-arrotondament jew tat-tnejn li huma.

*Artikolu 37*

**Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti**

1. Għal kull MMF li huwa jiġġestixxi, il-maniġer tal-MMF għandu jirrapporta l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-MMF, mill-inqas kull tliet xhur.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal MMF li l-assi ġestiti tiegħu bħala total ma jaqbżux EUR 100 000 000, il-maniġer tal-MMF għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-MMF mill-inqas fuq bażi annwali.

Il-maniġer ta' MMF, wara talba, għandu jipprovdi l-informazzjoni rrapportata skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi wkoll lill-awtorità kompetenti tal-maniġer ta' MMF, jekk din tkun differenti mill-awtorità kompetenti tal-MMF.

2. L-informazzjoni rrapportata skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi l-punti li ġejjin:

(a) it-tip u l-karatteristiċi tal-MMF;

(b) l-indikaturi tal-portafoll bħall-valur totali tal-assi, in-NAV, il-WAM, il-WAL, l-analiżi skont il-maturità, il-likwidità u r-rendiment;

(c) ir-riżultati tat-testijiet tal-istress u, fejn applikabbli, il-pjan ta' azzjoni propost;

(d) l-informazzjoni dwar l-assi miżmuma fil-portafoll tal-MMF, inklużi:

(i) il-karatteristiċi ta' kull assi, bħall-isem, il-pajjiż, il-kategorija tal-emittent, ir-riskju jew il-maturità, u l-eżitu tal-proċedura interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu;

(ii) it-tip ta' assi, inklużi d-dettalji tal-kontroparti fil-każ ta' derivattivi, ftehimiet ta' riakkwist jew ftehimiet ta' retroriakkwist;

(e) l-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet tal-MMF, inklużi:

(i) il-pajjiż fejn huwa stabbilit l-investitur;

(ii) il-kategorija tal-investitur;

(iii) l-attività ta' sottoskrizzjoni u tifdija.

Jekk ikun meħtieġ u debitament ġustifikat, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, għal kull LVNAV MMF li huwa jiġġestixxi, il-maniġer ta' MMF għandu jirrapporta dan li ġej:

(a) kull avveniment li fih il-prezz ta' assi vvalwat bl-użu tal-metodu ta' kost amortizzat f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(7) jiddevja mill-prezz ta' dak l-assi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 29(2), (3) u (4) b'aktar minn 10 punti bażi;

(b) kull avveniment li fih in-NAV kostanti għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 32(1) u (2) jiddevja min-NAV għal kull unità jew sehem ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 30 b'aktar minn 20 punt bażi;

(c) kull avveniment li fih sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(3) isseħħ u l-miżuri meħuda mill-bord f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 34(1).

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi mudell ta' rapportar li għandu jinkludi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-21 ta' Jannar 2018.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu lill-ESMA l-informazzjoni kollha riċevuta skont dan l-Artikolu. Tali informazzjoni għandha tiġi trażmessa lill-ESMA sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-aħħar tal-perjodu ta' tliet xhur ta' rapportar.

L-ESMA għandha tiġbor l-informazzjoni biex toħloq bażi ta' dejta ċentrali tal-MMFs kollha stabbiliti, ġestiti jew ikkummerċjalizzati fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu dritt ta' aċċess għal dik il-bażi ta' dejta, għal skopijiet ta' statistika biss.

## *KAPITOLU VIII*

## ***Sorveljanza***

### *Artikolu 38*

### **Sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw il-konformità ma' dan ir-Regolament fuq bażi kontinwa.

2. L-awtorità kompetenti tal-MMF jew, meta jkun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-maniġer ta' MMF għandha tkun responsabbli mis-sorveljanza tal-konformità mal-Kapitoli minn II sa VII.

3. L-awtorità kompetenti tal-MMF għandha tkun responsabbli mis-sorveljanza tal-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni, kif ukoll mal-obbligi stabbiliti fil-prospett, li jkunu konsistenti ma' dan ir-Regolament.

4. L-awtorità kompetenti tal-maniġer ta' MMF għandha tkun responsabbli mis-sorveljanza tal-adegwatezza tal-arranġamenti u l-organizzazzjoni tal-maniġer tal-MMF sabiex il-maniġer tal-MMF ikun f'pożizzjoni li jikkonforma mal-obbligi u r-regoli li huma relatati mal-kostituzzjoni u l-funzjonament tal-MMFs kollha li jiġġestixxi.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu l-UCITS u l-AIFs stabbiliti jew ikkummerċjalizzati fit-territorji tagħhom sabiex jivverifikaw li huma ma jużawx in-nominazzjoni tal-MMF jew jissuġġerixxu li huma MMF sakemm ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 39*

**Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti**

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE jew 2011/61/UE, kif applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, għandu jkollhom is-setgħa li jagħmlu dan kollu li ġej:

(a) jitolbu l-aċċess għal kwalunkwe dokument fi kwalunkwe forma, u jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu;

(b) jitolbu lil MMF jew il-maniġer ta' MMF biex jipprovdi l-informazzjoni mingħajr dewmien;

(c) jitolbu informazzjoni minn kwalunkwe persuna relatata mal-attivitajiet ta' MMF jew il-maniġer ta' MMF;

(d) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post b'avviż minn qabel jew mingħajru;

(e) jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li MMF jew il-maniġer ta' MMF ikompli jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(f) joħorġu ordni biex jiżguraw li MMF jew il-maniġer ta' MMF jikkonforma ma' dan ir-Regolament u jiddesisti milli jirrepeti xi mġiba li tista' tikser dan ir-Regolament.

*Artikolu 40*

**Penali u miżuri oħra**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali u miżuri oħra applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali u miżuri oħra previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. Sal-21 ta' Lulju 2018, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA bir-regoli msemmija fil-paragrafu 1. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti fih.

*Artikolu 41*

**Miżuri speċifiċi**

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE jew 2011/61/UE, kif applikabbli, l-awtorità kompetenti tal-MMF jew il-maniġer tal-MMF, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa msemmija fil-paragrafu 2 meta MMF jew il-maniġer ta' MMF:

(a) jonqos milli jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tal-assi, bi ksur tal-Artikoli 9 sa 16;

(b) jonqos milli jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-portafoll, bi ksur tal-Artikolu 17, 18, 24 jew 25;

(c) ikun kiseb awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kwalunkwe mezz irregolari ieħor, bi ksur tal-Artikolu 4 jew 5;

(d) juża d-deżinjazzjoni "fond tas-suq monetarju", "MMF" jew deżinjazzjoni oħra li tissuġġerixxi li UCITS jew AIF huwa MMF, bi ksur tal-Artikolu 6;

(e) jonqos milli jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti dwar il-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu, bi ksur tal-Artikolu 19 jew 20;

(f) jonqos milli jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti dwar il-governanza, id-dokumentazzjoni jew it-trasparenza, bi ksur tal-Artikolu 21, 23, 26, 27, 28 jew 36;

(g) jonqos milli jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti dwar il-valwazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 29, 30, 31, 32, 33 jew 34.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-MMF għandha, kif xieraq:

(a) tieħu miżuri biex tiżgura li l-MMF jew il-maniġer ta' MMF ikkonċernat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti;

(b) tirtira awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 4 jew 5.

*Artikolu 42*

**Setgħat u kompetenzi tal-ESMA**

1. L-ESMA tingħata s-setgħat meħtieġa sabiex twettaq il-kompiti attribwiti lilha minn dan ir-Regolament.

2. Is-setgħat tal-ESMA f'konformità mad-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE għandhom jiġu eżerċitati wkoll fir-rigward ta' dan ir-Regolament u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

3. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, dan ir-Regolament għandu jiġi inkluż fi kwalunkwe att ulterjuri tal-Unjoni legalment vinkolanti li jikkonferixxi l-kompiti fuq l-Awtorità msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 43*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet**

1. L-awtorità kompetenti tal-MMF u l-awtorità kompetenti tal-maniġer ta' MMF, jekk ikunu differenti, għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jiskambjaw informazzjoni għall-finijiet tat-twettiq tad-doveri tagħhom skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jikkooperaw ma' xulxin għall-fini tat-twettiq tad-doveri rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettqu d-doveri rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod partikolari sabiex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-awtorizzazzjoni jew is-superviżjoni ta' MMFs skont dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta tali informazzjoni tkun rilevanti għall-monitoraġġ u r-reazzjoni għall-implikazzjonijiet potenzjali tal-attivitajiet ta' MMFs individwali jew ta' MMFs kollettivament għall-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti sistemikament u l-funzjonament ordnat tas-swieq li l-MMFs huma attivi fihom. L-ESMA u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) għandhom jiġu infurmati wkoll u għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

4. Abbażi tal-informazzjoni trażmessa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont l-Artikolu 37(5), l-ESMA għandha, f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tħejji rapport għall-Kummissjoni fid-dawl tar-rieżami deskritt fl-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament.

*KAPITOLU IX*

***Dispożizzjonijiet finali***

*Artikolu 44*

**It-trattament tal-UCITS u l-AIFs eżistenti**

1. Sal-21 ta' Jannar 2019, UCITS jew AIF eżistenti li jinvesti f'assi għal terminu qasir ta' żmien u li jkollu għanijiet distinti jew kumulattivi li joffri redditi skont ir-rati tas-suq monetarju jew li jippriserva l-valur tal-investiment għandu jissottometti applikazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-MMF flimkien mad-dokumenti u l-evidenza kollha meħtieġa sabiex juri l-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Sa mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi l-applikazzjoni kompleta, l-awtorità kompetenti tal-MMF għandha tivvaluta jekk l-UCITS jew l-AIF huwiex konformi ma' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikoli 4 u 5. L-awtorità kompetenti tal-MMF għandha toħroġ deċiżjoni u tinnotifikaha minnufih lill-UCITS jew lill-AIF.

*Artikol 45*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet preskritti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 15 u 22 tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 11, 15 u 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' xi atti ddelegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat skont l-Artikoli 11, 15 u 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 46*

**Rieżami**

1. Sal-21 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-adegwatezza ta' dan ir-Regolament minn lat prudenzjali u ekonomiku, wara konsultazzjonijiet mal-ESMA u, meta jkun xieraq, mal-BERS, anke dwar jekk għandhomx isiru bidliet fir-reġim għas-CNAV MMFs ta' dejn pubbliku u l-LVNAV MMFs.

2. Ir-rieżami għandu, b'mod partikolari:

(a) janalizza l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-impatt fuq l-investituri, l-MMFs u l-maniġers tal-MMFs fl-Unjoni;

(b) jivvaluta r-rwol li għandhom l-MMFs fix-xiri ta' dejn maħruġ jew garantit mill-Istati Membri;

(c) iqis il-karatteristiċi speċifiċi tad-dejn maħruġ jew garantit mill-Istati Membri u r-rwol li d-dejn għandu fil-finanzjament l-Istati Membri;

(d) iqis ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 509(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) iqis l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-swieq ta' finanzjament għal terminu qasir ta' żmien;

(f) iqis l-iżviluppi regolatorji fil-livell internazzjonali.

Sal-21 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' kwota ta' dejn pubbliku tal-UE ta' 80 %. Dak ir-rapport għandu jqis id-disponibbiltà ta' strumenti ta' dejn pubbliku tal-UE għal terminu qasir ta' żmien u jeżamina jekk l-LVNAV MMFs jistgħux ikunu alternattiva xierqa għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku mhux tal-UE. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi fir-rapport li l-introduzzjoni ta' kwota ta' dejn pubbliku tal-UE ta' 80 % u t-tneħħija gradwali ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku li jinkludu ammont bla limitu ta' dejn pubbliku mhux tal-UE mhumiex fattibbli, hi għandha tippreżenta r-raġunijiet għal dan. F'każ li l-Kummissjoni tikkonkludi li l-introduzzjoni ta' kwota ta' dejn pubbliku tal-UE ta' 80 % hija fattibbli, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti leġiżlattivi biex tintroduċi tali kwota, fejn mill-inqas 80 % tal-assi ta' CNAV MMFs ta' dejn pubbliku għandhom jiġu investiti fi strumenti ta' dejn pubbliku tal-UE. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li LVNAV MMFs saru alternattiva xierqa għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku mhux tal-UE, tista' tagħmel proposti xierqa biex tneħħi d-deroga għal CNAV MMFs ta' dejn pubbliku għalkollox.

Ir-riżultati ta' dan ir-rieżami għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjati fejn meħtieġ mill-proposti adattati għall-emendi.

*Artikolu 47*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-21 ta' Lulju 2018, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11(4), l-Artikolu 15(7), l-Artikolu 22 u l-Artikolu 37(4) li għandhom japplikaw mill-20 ta' Lulju 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Ġunju 2017.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | H. DALLI |